

L-GĦID TA' L-ASSUNTA

30 (1995)

IT-TLETIN SENA

www.gozocathedral.org.mt

Servizz bankarju tul ħajtek kollha.



Il-Mid-Med Bank minn dejjem emmen li inti, bħala klijent, għandek tiġi l-ewwel u qabel kollox. F'dak kollu li għandek bżonn u f'kull żmien ta' ħajtek. Dak hu li rridu nfissru meta ahna nghidu li l-Mid-Med Bank huwa l-ħabib għal ħajtek u qed tingħata l-akbar attenzjoni biex ikunu provduti varjeta ta' prodotti u servizzi finanzjarji ta' l-aqwa kwalità.

Ċemplulna jekk għandkom xi suġġerimenti jew tixtiequ tesprimu l-opinjonijiet tagħkom – aħna dejjem lesti nisimgħukom.

FREEPHONE 0800 77 22 00

Mid-Med BANK

www.culturalcentre.org.mt

L-GHID TAL-ASSUNTA

30 (1995)
Stampata ghall-ewwel darba
Awwissu 1965

Pjazza tal-Katidral,
Rabat, Ghawdex.
VCT 103
Tel • 554101

Editur
Arċipriet Carmelo Scicluna

Ghen
Fr Joseph Bezzina

Setting
Joseph Refalo

Ritratt tal-Qoxra
Daniel Cilia

Stampata
BCD Graphics
Rabat, Gozo.

WERREJ

Dedika 4
Messaġġ ta' l-Arċipriet 5
Tifkira tal-Kappillani u l-Arċipriet tal-Katidral 6
Ittri dwar l-Erezzjoni tad-Djoċesi 13
L-Avukat Francesco Masini 24
Il-Konsagrazzjoni ta' l-Isqof Ġ. Pace 28
Rapport ta' l-Enfitajiet tal-Parroċċa 37
Magħmudijiet 43
L-Ewwel Tqarbina 45
Griżma ta' l-Isqof 45
Żwiġijiet 49
Imwiet 49
Rapport Finanzjarju 50
Il-Ħajja Pastorali bir-Ritratti 51
Restawr ta' Pittura u Opri Ġodda 55
Poeżija *Irrid Inħobbok Jien* 58

www.gozocathedral.org.mt



TIMES OF MALTA

No. 3,137. WEDNESDAY, AUGUST 15, 1945

VICTORY AND PEACE ON EARTH

JAPAN ACCEPTS ALLIED SURRENDER TERMS

(Reuter's Service)

"Japan has today surrendered. The last of our enemies has been laid low....." with these words Britain's Prime Minister, Clement Attlee, gave the nation the news it had waited for the past 24 hours, at 2300 hrs. G.M.T. tonight. (1 a.m. Malta time).

EMPEROR HIROHITO

RT. HON. CLEMENT ATTLEE

(J)-DAY

CHIANG KAI-SHEK (China)

MARSHAL STALIN (Soviet Union)

WINSTON CHURCHILL (Great Britain)

PRESIDENT TRUMAN (United States)

The "Big Four"

YOUR NEWSPAPERS

NO Publication Tomorrow

DEDIKA

L-GHID TA' L-ASSUNTA b'din il-harġa Numru 30 trid tfakkar ir-rebħa ta' l-Alleati f'JUM SANTA MARIJA hamsin sena ilu. Kien proprju fis-sieġħa ta' fil-għodu, hin ta' Malta, tal-15 ta' Awwissu, 1945, meta l-Prim Ministru Ingliż Clement Attlee ta din l-aħbar: "Illum il-Ġappun ċeda l-armi. L-aħħar għadu kien mirbuħ". It-Tieni Gwerra dinjija kienet ġiet fit-tmiem. L-aħbar ħawn Għawdex kienet inġħatat tliet sigħat wara, fl-erbgħa ta' fil-għodu, b'mota solenni mill-kampnar tal-Katidral; saħtejn qabel ma' inġħatat f'Malta. Fir-ritratt tidher l-ewwel paġna tat-*Times of Malta* ta' nhar SANTA MARIJA ta' ħamsin sena ilu *(Bil-kortesija tal-Progress Press Co Ltd)*.

www.gozoarchive.org.mt

MESSAĠĠ TA' L-ARĊIPRIET

Illi issa bosta snin inwassal il-messaġġ tiegħi lill-parrucċani fl-okkażżjoni tas-Solennità Liturġika ta' Santa Marija, Padruna Speċjali tal-Gżejjer Maltin. Dan il-messaġġ biex ikollu effett jehtieġ li jaqa' f'hamrija għammiela u mhux f'art niexfa. Il-festa, tiġi biex nikbru fil-maturità nisranija u għalhekk il-festa titulari tiġi mhux biex:

• **nitbelħu aktar,** imma biex nitqaddsu aktar. Inkella tkun tisthoqqilna t-twissija li darba Ġesù għamel lin-nies tiegħu u qalilhom: Tixthux ġawhar quddiem il-qżieqeż (Mt. 7,6). Fil-fatt il-qżieqeż meta jindunaw li l-ġawhar mhux tajjeb għall-ikel iduru għal min xeħitulhom. Għalihom aħjar tġħasida ta' ftit soldi. Jekk il-festa għalija tiġi għal aktar bluha dan ifisser li qed naghmel il-parti tal-qżieqeż quddiem il-ġawhar għax għalija għandha aktar importanza fil-festa l-bluha milli l-qdusija ta' ruħi.



• **nonqsu mill-karità tal-proxxmu** imma biex ninħabbu bejnietna aktar mis-soltu. Jekk naqgħu f'dan l-iżball fil-jiem tal-festa tkun tixirqilna ċ-ċanfira li Ġesù għamel lis-siġra tat-tin. Seħitha għax kienet bla frott u qegħda hemm biex tkidd l-art u għal xejn aktar (Mark 11,21). Hekk ukoll aħna l-festa għalina tiġi biex nibbuttjaw u ninsulentaw lir-rivali tagħna. Dan ifisser li fil-festa qegħdin nippreżentaw lilna nfusna quddiem Alla bħala sigra niexfa bla frott. Imġieba li tħammrilna wiċċna.


• **intellgħu l-bnadar fuq il-bjut** bl-iskop halli nuru li aħna għadna miġġieldin mar-rivali tagħna fil-festa. Atteġġjament bħal dan jixlina quddiem Alla li aħna fariżej li lesti li naħslu u nnadfu idejna, imma mhux lesti li naħslu u nnadfu qalbna (Mt 15, 1-20). Żgur li l-Madonna ċċanfarna bi kliem Kristu: "Dan il-poplu bix-xufftejn biss ihobbni, imma qalbu hija 'l bogħod minni" (Is. 29, 13).

• **filgħodu nqerru u nitqarbnu dak in-nhar tal-festa** u filgħaxija nagħtuha għas-sokor bil-konsegwenza li nsemmu l-isem tal-Madonna fil-batal. Żgur li Santa Marija mis-smewwiet iċċanfarna bi kliem Binha Ġesù: "Ma tistghux taqdu żewġ sidien" (Mt 6, 21). Fil-fatt il-festa ma tiġix biex naqdu 'l Alla u lix-xitan fl-istess ħin. Inkunu naħslu l-faħam biex jibjad. Inkunu nipprovaw l-impossibli. Inħossuh, għalhekk, dmir tagħna li l-festa tiġi biex nikbru fil-maturità nisranija.

Konvint li dan l-appell jiġi milqugħ minn kulħadd b'intenzjoni tajba. Għalkemm il-bluhat fil-festa titulari naqsu, imma dejjem ikun hemm lok għal aktar progress. Jekk dejjem għandna nagħtu xiehda ta' Kristu, wisq aktar dan għandna nagħmluh fil-jiem tal-festa. L-għajta tagħna ta' "Viva Santa Marija" tagħmel biss sens meta msiehba mix-xiehda evanġelika.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULHADD!

www.gozocathedral.org.mt



LAPIDA — TIFKIRA TAL-KAPPILLANI U L-ARĊIPRIETI

www.gozocathedral.org.mt

Tifkira tal-Kappillani u l-Arċiprieti tal-Katidral

kitba ta' Dun Joe Bezzina
Kap tad-Dipartiment ta' l-Istorja tal-Knisja, tal-Patroloġija, u ta' l-Arkejoloġija Kristjana fl-Università ta' Malta

Kienet ilha tberren f'mohhi s-snin – tifkira tal-kappillani u l-arċiprieti li mexxew il-Matriċi u l-Katidral ta' Ghawdex sa mill-ibghat żminijiet. Fl-ahhar, bil-kollaborazzjoni shiha tal-Arċipriet u tal-Kapitlu Katidrali, il-holma saret realtà.

L-irhama saret mill-habib tieghi, il-maghruf marmista Ghawdxi, Raymond Bonello mix-Xaghra u twahhlet fis-Sagristija taċċata tal-Kolonna u tal-Porpra, il-Ġimgha, 10 ta' Marzu, 1995. L-ghada, s-Sibt, 11 ta' Marzu, f'eghluq il-ġimgha tal-Parroċċa, nkixfet minn Monsinjur Ġwann Bosco Gauci, l-Arċidjaknu tal-Knisja Katidrali u tbierket minn Monsinjur Karm Scicluna, Arċipriet. Dlonk wara saret spjega qasira ta' l-iskrizzjoni minni.

L-ewwel kappillani

Skond tradizzjoni qadima bi shih l-ewwel maqdes nisrani fil-gżira Ghawdxija tela' sewwa sew fuq il-post fejn illum hemm il-Knisja Katidrali. It-tradizzjoni ġiet reġistrata bil-miktub mill-ewwel nofs tas-seklu hmistax il-quddiem u hi konfermata mid-dokumentazzjoni kollha misjuba u studjati sa kemm l-arkivji lokali u barranin. Minghajr ebda eċċezzjoni id-dokumenti kollha, li huma ħafna numru żghir, jaffermaw dan il-qadem. Ninsab ċert li iktar tiftix profond ikompli johroġ ghad-dawl dokumenti oħra dwar il-qedem u l-antikità tal-Matriċi.

Il-bidu tal-Matriċi mhux magħruf, u lanqas hu magħruf ovvjament minn kienu l-ewwel mexxejja tagħha. L-istruttura tat-tmexxija ta' knejjes lokali minn lsqfijiet u ta' knejjes partikulari fil-lokalitajiet minn kappillani hi qadima bi shih. Fil-bidunett l-Isqofwahdu kien il-mexxej tal-Knisja lokali u biex ighunuh fit-tmexxija kien ikellu diversi djakni li kienu jiehdu hsieb il-knejjes fil-lokal li kien jaqa' taht il-ġurisdizzjoni tieghu. Il-liturġija ewkaristika kienet tkun dejjem immexxija mill-Isqof.


L-istruttura hadmet tajjeb hafna sakemm il-knejjes kienu mwaqqfa' biss fl-ibliet. Izda meta l-knisja kompliet tikber u xterdet ukoll fil-kampanja ma setghetx tkompli t-tmexxija mid-djakni biss. Ghax kif jaf kulhadd id-djaknu ma jistax iqaddes, u ghalhekk ma setax imexxi l-assemblea kristjani fit-talba ewlenija tas-sagrifiċċju tal-quddiesa. Hekk bhala kapijiet tal-knejjes fil-kampanja bdew jitqeghdu l-presbiteri jew il-qassisin li setghu jmexxu wkoll l-assemblea kristjana fil-quddiesa, jippridkaw, u jassolvu l-penitenti. Il-presbiteru-mexxej, li biż-żmien ha l-post tad-djaknu kullimkien, beda jissejjah pastur jew kappillan. L-ufficċju tad-djaknu saret haga ritwali bi preparazzjoni ghall-qsusija jew saċerdozju.

www.gozoarchdl.org.mt



L-Arċidjaknu, Giovanni B Gauci, jikxef il-lapida kommemorattiva.

L-Arċipriet, Carmelo Scicluna, ibierek il-lapida tal-predeċessuri tiegħu.



www.gozocathedral.org.mt

· Ħames mit sena kappillani

Min kienu l-ewwel kappillani tal-Matriċi ovvjament mhux magħruf kif mhux magħruf l-bidu ta' din il-knisja l-qadima. Ir-raġuni nafu x'inhi. Minn tmiem il-ħakma Għarbija fuq Malta u Għawdex fl-1127, l-arċipelagu Malti għadda minn taħt idejn erba' nazzjonijiet Ewropej: in-Normanni (1127-1194), l-Iżvevi (1194-1266), l-Anġojjini (1266-1282) u l-Aragoniżi (1282-1530). Tul dan il-perjodu twil, Malta u Għawdex kienu jkunu mmexxija minn rappreżentant ta' dawn in-nazzjonijiet Ewropej magħruf ħafna drabi bħala l-Konti ta' Malta.

Dan il-ħafna taqlib qajla kien igħin biex tinżamm dokumentazzjoni ta' dak kollu li jkun qieghed jiġri. Barra dan kien żmien ta' ħafna analfabetiżmu u ftit kienu dawk li kienu jafu jiktbu. Nies fil-grad klerikali ma kinux eċċezzjoni għar-regola. Biex tgħaqad id-dokumenti kollha qodma li kien hawn Għawdex – u xi ħaġa kien hawn żgur – kienu misruqa matul l-Assedju l-Kbir ta' Għawdex ta' l-1551. Aktarx li għal xi żmien dawn id-dokumenti nżammu ximkien Konstantinopli iżda tiftix profond għalihom tul iż-żmien, anki riċentament, ma ta ebda frott.

Fl-eqdem żewġ arkivji ta' Malta, jiġifieri f'dak tal-Katidral ta' l-Imdina u tal-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, il-Belt Valletta, jeżistu iktar minn lista waħda ta' kappillani u arċipriet tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex. It-tagħrif bid-dati tal-kappillani qabel l-1551 hu bbażżat fuqhom.

L-eqdem fosthom tibda fl-1495 — sewwa sew ħames mit sena ilu. L-ewwel kappillan li nafu bih u li laħaq f'din il-kariga proprju ħames mit sena ilu, hu Don Paulus Marabattino. Kien proprju dan il-ħames ċentinarju li qegħlni nitħabat ħalli l-iskrizzjoni ssir din is-sena.

Id-dati ta' wara l-1551 huma bbażżati fuq id-dokumenti oriġinali miżmuma fl-Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta u fil-Kurja Veskovili ta' Għawdex.

· Tifsira

Kien deċiż li bħal maġġuranza ta' l-iskrizzjoniet kollha li hemm fil-Katidral, din ukoll issir bil-Latin, il-lingwa uffiċjali tal-Knisja. Id-differenza ma tantx kienet kbira għax l-ismijiet u l-kunjomijiet ftit li xejn jinbidlu. L-iskrizzjoni tibda hekk:

PAROCHI ET ARCHIPRESBYTERI
ECCLESIAE MATRICIS ATQVE
CATHEDRALIS
INSVLAE GAVLI
· A FVNDATIONE ANTIQVA ·

jiġifieri:

IL-KAPPILLANI U L-ARĊIPRIETI
TAL-KNISJA MATRIĊI U KATIDRALI
TAL-ĠŻIRA TA' GĦAWDEX
· IMWAQQFA ANTIKAMENT, FI ŻMIEN
MHUX MAGĦRUF

Wara din id-daħla tibda l-lista tal-kappillani u l-arċipriet. Għal kull wieħed għandna l-ewwel l-isem u l-kunjom. Wara xi ismijiet hemm l-ittra C u din qegħdha għal frażi bil-Latin *cum futura successione*. Jiġifieri, il-qassis ikun inħatar kappillan/arċipriet meta dak ta' qablu kien għadu fil-kariga, iżda li minħabba xi raġuni jew oħra, bħalma hi nuqqas ta' saħħa, ma jkunx jista' jkompli jaqdi dmirijietu sewwa. Dawk li għandhom din l-ittra C jkunu saru kappillani effettivi mal-mewt jew ir-riżenja ta' dak ta' qabilhom.

Fit-tieni kolonna ġibna d-data ta' meta kien elett kappillan, jiġifieri ta' meta nħareġ id-digriet tal-ħatra. Sa tmiem il-Konċilju Vatikan it-Tieni jiġifieri sa l-1965, dan id-digriet kien aktarx joħroġ mill-Kurja Rumana. F'ħafna każi nħareġ minn dik li kienet imsejħa l-Kongregazzjoni tal-Konċilju, li llum ma għadhiex teżisti. Madankollu hemm

www.ilcathedral.org.mt



Il-parruċċani tal-Katidral jammiraw il-lapida.

Fr Joseph Bezzina jispjega lin-nies id-diversi partijiet tal-lapida.



www.gozoarchdiocese.org.mt

ħafna eċċezzjonijiet (u min jinteressah isuġġett jsib iktar tagħrif fil-ktieb tiegħi: *Sannat fi ġrajjet Għawdex*). Id-digriet talħatra kien fil-fatt jibda jgħodd meta l-Isqof ta' Malta kien joħroġ digriet ieħor li permezz tiegħu kien jawtoriżża lil xi ħadd biex jagħti l-pussess reali lill-kappillan il-ġdid. Għażilna din id-data tal-ħatra u mhux dik tal-pussess reali tal-parroċċa għax din hi d-data li tinżamm uffiċċjalment.

Fit-tielet kolonna għandna d-data ta' meta ntemmet il-ħatra ta' l-imsemmi kappillan. Il-ħatra setgħet tintemm b'żewġ modi: bil-mewt jew b'riżenja. Dawk li mietu fil-kariga hemm miktub D quddiem isimhom, l-ewwel ittra tal-kelma Latina *defunctus est*. L-oħrajn għandhom R quddiem isimhom, l-ewwel ittra tal-kelma Latina *resignavit*. Irriżenja kienet issir għal żewġ raġunijiet: jew għax il-kappillan kien ikun trasferit għal xi parroċċa oħra, jew inkella għaliex kien se jkun promoss għal xi uffiċċju ekkleżjastiku ogħla.

Din l-iskrizzjoni tal-Knisja Katidrali ta' Għawdex hi unika f'dawn il-gżejjer. Għalkemm jeżistu listi bħala, EBDA WAĦDA minnhom ma tagħti d-dati eżatti tal-elezzjoni u tat-tmiem il-kariga tal-kappillani. Jagħtu biss is-sena, u jiddispjaċini ngħid, xi drabi lanqas huma eżatti.

Il-ġbir ta' dawn id-dati mill-Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, mill-Kurja Veskovili ta' Għawdex, u mill-Biblioteka Nazzjonali ta' Malti u l-iċċekkjar tagħhom ħadli ma xahar xogħol. Qiegħed ngħid ħekk biex wieħed japprezza x-xogħol ta' riċerka nvolut fil-kitba ta' din l-iskrizzjoni.

• Tagħrif interessanti

Tul ħames mit sena, il-Knisja Matriċi u Katidrali ta' Għawdex kellha:

- 22 bejn kappillani u arċiprieti.
- 7 kienu kappillani.
- 15 kienu arċiprieti, titlu mogħti lill-kappillan tal-Matriċi mat-twaqqif tal-Kolloġġjata mill-Isqof Baldassar Cagliares fis-6 ta' Ġunju, 1623.

Tnejn u għoxrin kappillan tul 500 sena jfisser li wieħed għall-ieħor damu kappillani

- 22 sena u tmin xhur u nofs kull wieħed, ċifra li però ma tiħux f'konsiderazzjoni ż-żmien li l-Arċipretura kienet sede vakanti, jiġifieri ż-żmien li ma kien hemm ħadd filkariga.

L-inqas li dam fil-kariga kien Dun Domenicus Mangion (1528-1531) li dam biss

- 3 snin imexxi, tliet snin mill-iktar importanti fl-istorja tal-gżira, għax fl-1530 Malta u Għawdex għaddew minn taħt ilħakma ta' l-Aragoniżi għal dik tal-Kavallieri.

L-iktar li dam fil-kariga kien Dun Felix Refalo (1871-1917) li mexxa għal

- 45 sena u sitt xhur, kważi nofs seklu.

L-Arċipriet Dun Michael Franciscvs Bvttigieg kellu x-xorti kbira li tul l-Arċipretura tiegħu l-Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex issir Katidral, u dan bil-Bolla *Singulari Amore* tal-Papa Piju IX tas-16 ta' Settembru, 1864. Mexxa

- 15-il sena bħala arċipriet, u
- 3 snin bħala arċipriet u Isqof Titulari u eventwalment mit-22 ta' Settembru, 1864, bħala l-ewwel Isqof ta' Għawdex. dan b'konċessjoni speċjali tal-Kongregazzjoni ta' l-Isqfijiet.

• Konklużżjoni

Hu ttamat li din l-iskrizzjoni tgħin lill-kulħadd ħalli japprezza aħjar l-istorja glorjuża tal-Knisja Katidrali ta' Għawdex, storja li, digrazzjatament, għadha trid tinkiteb.

www.nazzjonalitajiet.org

TASIKA AUTO LTD



GOZO AGENT FOR:

MERCEDES

RENAULT

OPEL

SAAB

SUBARU

LADA

ELMO INSURANCE

Fortunato Mizzi Street, Victoria - Gozo. Tel: 553288

www.gozocathedral.org.mt

PATRI ĠANN-ANTON BONELLI FRANĠISKAN KONVENTWAL JIKTEB LIL MONS. PIETRU PACE LEJLIET L-EREZZJONI TAD-DJOĊESI TA' GĦAWDEX.

24 ta' Lulju-17 ta' Settembru, 1864

kitba ta' Alexander Bonnici
Franġiskan Konventwal

Patri Ġann-Anton Bonelli, Franġiskan Konventwal, hadem bi shih fl-erezzjoni tad-djoċesi ta' Għawdex(1). Hu kien ħabib tassew ta' Għawdex u, b'mod speċjali, ta' Mons. Pietru Pace. Imma żgur li ma kienx ħabib ta' Mons. Buttigieg li kellu jkun l-ewwel Isqof ta' Għawdex. Kif se naraw f'din il-kitba, il-fatt li Buttigieg kien diġa' Isqof titulari ma holoqx ħlief problemi għall-erezzjoni tad-djoċesi. Barra minn hekk, Bonelli ma setax ħobb lil min ma kienx ħobb lill-Ordni tiegħu (2).

Ittri li kienu nħbew

Pietru Pace u Bonelli kitbu ħafna lil xulxin. Jiena ppruvajt nitkixxef jekk fl-Arkivju ta' l-Ordni tiegħi f'Ruma nżammitx xiħaġa minn din il-korrispondenza. Imma ma ħemm xejn. Bonelli kien ta' importanza kbira fl-Ordni. Ħala prokuratur Ġenerali, fid-dinjità hu kien jiġi minnufih wara l-Ministru Ġeneral. Għal xi żmien, proviżorjament, hu kien imexxi l-Ordni tal-Franġiskan Konventwali. Imma, għal Ruma, fejn hu għadda ħajtu, dik il-korrispondenza ma nħassitx ta' importanza. Għalhekk, ma nżammitx.

Mons. Pace kellu din il-korrispondenza ma' Bonelli fi żmien meta kien Monsinjur tal-Katidral ta' Malta u mbagħad Vigarju Ġenerali ta' Għawdex. Billi l-erezzjoni tad-djoċesi u l-istima li kien hemm f'Ruma ta' Pace jinqalgħu ħafna f'dawn l-ittri, dan l-iben denn ta' Għawdex żamm kull ittra ta' Bonelli. Minbarra waħda, l-ittri nkitbu minn Ruma mill-Bażilika tat-Tnax il-Appostlu, fejn Bonelli kien kappillan ukoll. Pace ġarr mieġhu dawn l-ittri minn post għal ieħor. Ħadhom mieġhu Għawdex, żammhom tul l-episkopat tiegħu (1877-1889) u ħadhom mieġhu fil Palazz Arċivexkovili ta' Malta, meta ġie magħżul biex imexxi 'l Malta (1889-1914). Imma Pace ma poġġihomx mal-korrispondenza uffiċjali tad-djoċesi għaliex fil-fatt kienu privati. B'xorti tajba, l-ittri qatt ma ħarġu mill-Arkivju ta' l-Arċidjoċesi. Inġarrew mitluqin f'kaxxi u minħajr ma tqiegħdu f'xi sezzjoni ta' l-arkivju. Mill-Palazz tal-Belt għaddew għall-Kurja fil-Furjana. L-Arkivista Dun Ġuzepp Busuttil, li qed jaħti ħafna minn ħajtu għall-Arkivju ta' l-Arċidjoċesi, ġabarhom flimkien u poġġihom fost il-*Korrispondenza Speċjali*. Lili għarrafni bihom u għalhekk bdew joħorġu għad-dawl.(3) F'din il-kitba, se naħti dettalji ħafna iżjed dwarhom. Huma 31 ittra li jitfgħu ftit dawl ieħor fuq Għawdex ta' żmien l-erezzjoni tad-djoċesi. Kien ikun aħjar li kieku dawn l-ittri tpoġġew fl-Arkivju tad-Djoċesi ta' Għawdex milli f'dak ta' Malta.

Intietef ta' Storja minn Erba' Ittri

Il-Bolla Appostolika ta' l-erezzjoni kienet fit-16 ta' Settembru 1864. Erba' ittri ta' Bonelli lil Pace huma ta' l-aħħar xahrejn qabel l-erezzjoni tad-djoċesi. Inkitbu fl-24 ta'

www.bcathoral.org.mt

GOODYEAR



WEDGE and V-BELTS

Premium Quality Belts That Offer More Than Any Other Standard Belts Of Their Kind

YOUR POWER CONNECTION

MACHINERY V-BELTS

in all sections & size lenghts up to 590''

Sections Available:

★ 10Z/M ★ SPZ ★ 13A/SPA ★ 17B/SPB ★ 22C/SPC ★ SPC ★ 25M
★ 32D&E ★ Variable Speed Belts ★ Conveyor Belts ★ Timing Belts
★ Double Side Timing Belts ★ Office Machinery Belts
★ Double V-Belts ★ Multi VVV-Belts

and all sorts of

WATER High Pressure and CHEMICAL HOSES

ALL BELTS Are Matched For Life. Oil Resisting & Static Conducting

A Good Job Requires The Best

Sole Distributors:-

SCICLUNA ENTERPRISES LTD.

165, CONGRESS ROAD - MOSTA

Tel: 432992 / 432997 Fax: 432899 Tlx: MW 1582

ABSOLUTELY NO CONNECTION WITH ANY OTHER FIRM

LINO - TA - RIU

www.gozocathedral.org.mt


Lulju, fil-5,10,u s-17 ta' Settembru. Dik tal-5 ta' Settembru nkitbet minn Messina. L-ohrajn minn Ruma. Il-hbiberija li Bonelli kellu ma' Pace tinhass hafna ghax sejjahlu bhala l-*"Mio buon Pace"*, jew *"Pace mio carissimo"*. Imma hbiberija u stima jinhassu hafna iżjed mill-kontenut ta' l-ittri.

Piju IX: Irid jikkonsla Poplu twajjeb

Dawn, l-ittri ta' Bonelli lil Pace ghandhom valur speċjali ghax huma minghajr l-ebda uffiċjalità. Il-Franġiskan Konventwal ighid kollox ċar u tond bhalma jitkellmu bejniethom żewġt ihbieb. Se nibda bil-kontenut ta' l-ittra ta' 1-24 ta' Lulju 1864. Bonelli kien jitkellem familjarment mal-Papa wkoll. Piju IX żgurah li d-djoċesi ta' Ghawdex kienet se tithabbar fil-konċistoru li kien imiss. "Konċistoru" hu laqgha ta' livell gholi tal-Kardinali taht it-tmexxija tal-Papa biex jiġu diskussi xi affarijiet tal-Knisja ta' importanza kbira. Il-Papa kien iddiskuta l-każ ta' Ghawdex ma' Mons. Alessandro Franchi u l-Kanonku Franġisku Saverju Formosa. Franchi, 'il quddiem kellu jkun Kardinal. Formosa kien wiehed minn dawk li kellhom sehem attiv fil-hidma ghad-djoċesi.(4)

Hu ta' ġieh ghal Ghawdex meta nghidu li l-Papa, ghalkemm sama' kulma qalulu, ma ġie ssikkat minn hadd. Lil Bonelli, hu stess qallu: "Kont jiena nnifsi li ridt niehu din id-deċiżjoni, minghajr ma noqghod ghal xi supplika u minghajr ma nintrabtghu b'xi suġġeriment li sarli. Jiena nhoss li l-fiduċja u l-kostanza ta' dak il-poplu twajjeb ghandhom, fl-ahhar mill-ahhar jiġu kkunslati." Bonelli żied li l-Papa kien qed juri tbissima fuq wiċċu; din kienet l-effett ta' kemm kien sodisfatt b'dak li kien se jaghmel.

Bonelli mar minnufih ghand Mons. Franchi u rrakkuntalu kollox. Franchi ferah u entużjażma ruhu u kuntrarjament ghal dak li kien qal il-Papa fisser lil Bonelli li hu nnifsu kien il-kawza li Piju IX kien se jiehu dik id-deċiżjoni.



Patri Ġann Anton Bonelli
(bil-kortesija ta' Fr J Bezzina).

Franchi kellu l-proġetti tiegħu dwar kif kellha taħdem id-djoċesi ġdida ta' Ghawdex. Imma Bonelli ma ried jikteb xejn dwar dan. Lil Pace, hu aċċertah li 'il quddiem bil-fomm ghad jghidlu kollox. Bonelli ma kienx se jindaħal direttament. Imma lil Pace ma' riedx jaħbilu li lill-Papa kien fesfislu li hadd hlief Pace nnifsu ma kien adatt biex ikun il-Vigarju Ġenerali tad-djoċesi l-ġdida.

Mons. Franchi kien qed jipproponi lil Bonelli stess bhala Vigarju u Pace kien mixtieq li jmur jghinu. Imma Bonelli xejn ma kien imxennaq li jħalli Ruma biex imur Ghawdex. Bonelli ssuġġerixxa lill-Papa biex lil Pace tingħatalu xi onorifiċenza. Wassal l-istess proposta ma' Franchi u ma' Mons. Giuseppe Berardi. Dawn ma kinux se jopponu. B'effett ta' dan, Pace ma kellux

www.gozocathedral.org.mt

RAINDROPS

Tel: 554114 - 551254

Pet & Garden Centre

The Ideal Place to find
all pet and garden requisites including:

- A large selection of pesticides, herbicides and fertilizers;
- A range of sprayers from 1 to 16 litres including motorised ones;
- Artificial or fresh flower arrangements for any occasion;
- Seeds, bulbs and fruit trees;
- Indoor and exotic outdoor plants;
- Pots and decorative pot covers;
- Pets including pure breed rabbits;
- Pet foods.

- FREE EXPERT ADVICE ON PLANT DISEASES -

www.gozocathedral.org.mt

idum ma jinħatar Prelat Domestiku. Innomina kienet fid-19 ta' Diċembru, 1865.(5) Imma Bonelli ma riedx jidher f'dak li kien qed jagħmel. Madankollu, kif stqarr hu nnifsu, dik il-biċċa blata ta' Għawdex kienet qed timla lil ħafna bil-ferħ. Lil Pace, hu fakkru fl-aħħar darba li kienu ltaqgħu f'Marsalforn. Tant kellhom xi jgħidu b'mod li Pace lil Bonelli bilkemm ried iħallih imur jorqod.

Kien għad fadal xi affarijiet x'isiru. Bonelli kien se jmur Għawdex b'xi dokumenti tas-Santa Sede. Kien meħtieg li ħadd ma jkun jaf bil-mawra tiegħu. F'ittra oħra għad naraw kemm kien se jgħaddi minn perikli. Kien meħtieg skiet perfett. F'dak iż-żmien, il-bizzilla ta' Għawdex kienet magħrufa u apprezzata ħafna f'Ruma. Bonelli jsemmi l-bizzilla li kienu rregalaw lil Mons. Franchi. Dan kien iqisha ta' valur kbir u kien rabat qalbu magħha.(6)

Bżonn ta' Delegazzjoni

L-ittra tal-24 ta' Lulju tagħti istruzzjonijiet oħrajn. Permezz ta' Bonelli, Franchi wassal lil Pace li kien meħtieg li tintbagħat delegazzjoni ta' Għawdxin. Kien meħtieg li tintbagħat malajr u l-persuni li jiffurmawha jkunu fost l-izjed meqjumin. Bonelli xtaq li Pace innifsu jkun fid-delegazzjoni. B'ton ta' ħbiberija qallu: "Hawn ma għandhom l-ebda raġuni għal fejn isejħulek. Imma r-raguni kapaċi ssibha int biex tiġi Ruma".

Mons. Franchi, li kien qed jaħdem minn taħt, lil Bonelli raġa' qallu: "Aċċetta int li tkun il-Vigarju Ġenerali, u lil Pace tingħatalu l-mantelletta". Imma Bonelli wieġeb: "Il-mantelletta (ta' Prelat Domestiku) u t-titlu ta' Vigarju Ġenerali ħa jmorru t-tnejn għal Pace". Bonelli, lil Pace, fetaħlu moħħu biex ma jmurx ma jaċċettax. F'dak iż-żmien, Pace ma kienx ilu ħdax-il sena saċerdot għax kien ordna fis-17 ta' Diċembru 1853.

L-aħħar kelma ta' Bonelli f'din l-ittra hi minn fomm wieħed li kien jaf x'taħti l-ħajja. Lil Pace kitiblu: "Wisq għażiż Pace, hu ħsieb li ddawwar kollox għall-ġid ta' ruħek. Fl-aqwa tal-ferħ għal dak li jiġri fid-dinja, irridu nithejjew għas-slaleb u rridu nkunu lesti biex inxerrdu d-dmugħ. Bla dubju ta' xejn, dawk li jridu jgħixu tajjeb għandhom ikunu lesti biex, fi Kristu Ġesù jsofru l-persekuzzjonijiet."(7)

5 ta' Settembru 1864: Ittra b'nofs verità

Kif kien wieħed, Bonelli ġie f'Malta u Għawdex. Kienet miġja fis-skiet. Hu tkellem l-iżjed ma' Pace dwar l-erezzjoni tad-djoċesi li kienet waslet biex issir. Imma hi ittra li taħti l-impressjoni li Bonelli ħaseb li setgħet tiġi fl-idejn. Għalhekk, ma kitibx fiha dak li xtaq. Hu qal li kien sodisfatt bix-xahar li għamel barra minn Ruma. Kien iltaqa mal-ħbieb u għadda żmien ta' mistrieħ minħajr ma ħareġ kważi xejn, għax l-ispejjeż thallsulu minn ħbiebu.

Fil-bidu ta' Settembru, Bonelli telaq minn Malta lejn Ruma. Fil-5 tax-xahar, hu kien f'Messina. Minn hemm, hu kiteb lil Pace. Issiġilla l-ittra. Fuq in-naħa ta' barra tagħha, lil Pace indirizzah bħala Kanonku Kapitulari (monsinjur) tal-Katidral ta' Malta, kif kien f'dak iż-żmien.(8)

Il-verita' kollha kien se jgħidhielu f'ittra oħra: ittra "riservatissima" u għal Pace biss, li kienet se tinkitiblu fl-10 ta' Settembru.

L-Imsejken Isqof Buttigieg

Wara ħamest ijiem, fl-10 ta' Settembru, Bonelli kiteb lil Pace mill-Bażilika tat-Tnax-il-Appostlu f'Ruma. Hu kien imbażża ħafna li dik l-ittra setgħet tinqara minn xi ħadd ieħor. Kienet ittra sigrieta.

Bonelli jirrakkonta: Fis-7 ta' Settembru wasal lura f'Ruma. L-għada, mar ikellem lil Mons. Franchi f'Kastel Gandolfo. Dan żgurah li ma kien fadal l-ebda diffikultà. Imma kien għad fadal xi problema żgħira. Dawn huma l-kelmiet preċiżi li nkitbu: "Imma l-Papa kif sejjer iwaqqaf u jagħti bidu għal djoċesi ġdida billi jqegħdilha fit-twelid tagħha Isqof imsejken?"

www.nazzjonalisti.org.mt



Carmelo Gauci Ltd.

Importers of all kind of timber,

plywood, blockboard, chipboard, hardboard,

laminated plastics, hardware, woodworking &

aluminium machines

"CARGA"
New Street, off Qormi Road,
St. Venera - Malta.

Tel: 445717 / 443861
Telex: 712ICUAG MW
Cables: ICUAG - MALTA

www.gozocathedral.org.mt


Fis-16 ta' Marzu 1863, Mikiel Franġisk Buttiġieġ kien ġie magħżul bħala Isqof titulari ta' Lete fil-Maċedonja, u tqiegħed f'Għawdex bħala Awżiljarju ta' l-Isqof Gaetano Pace Forno ta' Malta.(9) Il-Papa, kien diġa' ddispjaċih talli kien se jħossu obbligat li jqiegħed lil Buttiġieġ bħala l-ewwel Isqof ta' Għawdex.

Kien hemm problemi oħrajn. Bonelli jikteb: "Fil-Kleru, fejn huma l-persuni ta' skola li jkunu jistgħu jgħallmu f'seminarju u jieħdu ħsieb għall-erezzjoni tat-tribunal tal-Vigarjat?" Setgħu jissemmew diffikultajiet oħrajn ukoll.(10) Għafsu fuq Bonelli biex jitkixxfu.

Bonelli kien jixtieq li Pace jmur f'Għawdex. La l-Isqof diġà kien qiegħed hemm, Pace ma setgħax jitqiegħed bħala r-raġħaj tad-djoċesi. Imma Bonelli jżid: "Ikun assolutament meħtieġ li l-Qdusija Tiegħu jaħtar lilek bħala Vigarju Ġenerali, għax tkun aħjar minn kull persuna oħra. Bis-saħħa ta' hekk, kollox jimxi ħarir".

Dan il-Franġiskan Konventwal tkellem dwar kemm f'Għawdex kien hemm entużjażmu. Kien hemm dawk li kienu għonja sewwa, u għalhekk xi daqqa ta' id setgħu jagħtu. Kien hemm ukoll rieda qawwija li jsir kulma kien għad jonqos malli jinqatgħu fi djoċesi għalihom. Mons. Franchi kkonvinċa ruħu b'dak li qallu Bonelli. Dan kellu jerġa jmur għandu t-Tnejn ta' wara: fit-12 tax-xahar. Imma kien meħtieġ li jinżamm kollox sigriet. Dak in-nhar il-Papa kien se jerġa lura minn Kastell Gandolfo. Bonelli, it-Tlieta jew l-Erbgħa, 13 jew 14 ta' Settembru, ittama li jiltaqa' mal-Papa.

Lil Bonelli, kien hemm min ipprova jeħodlu minn rasu. Imma sigriet li joħrog fil-berah sata' jkun il-każun li jitfarrak kollox. Bonelli jżid: "Inkun miġnun jekk nitkellem". Sahansitra l-Isqof Buttiġieġ kiteb lil xi persuni



L-ITTRA SIGRIETA TA' BONELLI LIL PACE, 17 ta' Settembru, 1864
(Bil-Kortesija ta' AAM)

www.gozoarchive.mt

TEXOL

G.W.T.

BIODEGRADABLE SOFT

For Brightest Clothes and easy dishwashing



L-AQWA DETERĠENT FIS-SUQ

***TEXOL** hu magħruf għall-qawwa tiegħu, kwalita' u tenerezza fuq il-ġilda, li jintuża wkoll għan-nappies tat-trabi u jibżagħlek għal idek. Jibżagħlek ukoll għal flusek għax tuża ftit b'effett kbir!*

***TEXOL** jaħsel platti, dixxijiet u borom li jkunu mċappsin bi żjut u xaħmijiet. Jintuża wkoll mill-'Confectioneries' u l-'Mechanics'!*

***TEXOL** jaħsel ukoll ħwejjeġ ta' kull materjal inklużi tas-suf!*

TISTA' TUŻA L-ILMA BAĦAR

***TEXOL** jintuża xorta waħda jekk int qiegħed f'xatt il-baħar, fuq yacht, dgħajsa jew xi ħaġ'oħra tal-baħar! Ir-riżultat ikun daqs dak ta' l-ilma ħelu! Inaddaf ukoll in-nafta li taqbad mal-ġisem fi xtut il-baħar.*

Distributuri f'Malta u Għawdex icemplu

681375 - 0999722

"Edelweiss", Triq l-Iżbark, Birżebbuga BBG 06, Malta

F'Għawdex ċempel:

Tel: 553447 (A&G Hili — Mġarr)
Tel: 556098 (Victor Hili & Sons — Mġarr)
Tel: 551555 (Gelluxa Ltd — Mġarr)

www.gozocathedral.org.mt

f'Ruma li Bonelli kien se jkun wieħed mid-Delegati ta' Għawdex. L-Isqof żied li kien meħtieġ li jgħassu fuq Bonelli, biex jaraw fejn imur u x'jagħmel! Lil dawk li riedu jagħmluha ta' spjuni, Bonelli sejħilhom: "Miżerabbli". Kien hemm ukoll dawk li bdew juru wiċċ b'ieħor. Fil-fehma ta' Bonelli, Calamatta u Formosa, aktar milli kienu qed jaħdmu għal Għawdex, kienu bit-tama li jdaħħlu xi ħaġa jew jakkwistaw xi rigal tajjeb għal ħidmiethom. Dun Ġuzepp Calamatta kien rappreżentant ta' l-Isqof f'Ruma.(11)

Bonelli ssogra ħajtu!

Bonelli kien għamilha ta' messaġġier bejn Ruma u Għawdex b'sogru għal ħajtu. Dak li ma kitibx fl-ittra tal-5 ta' Settembru, Bonelli jiktbu fl-ittra sigrieta tal-10 tax-xahar. Fost l-oħrajn, hu qal: "Kelli nivvjaġġa fit-tul u bil-biża fuqi. Darba waħda, sejħuli fil-Prefettura. Sarli interrogatorju. Ġarrabt il-periklu li nsib ruħi mitfugħ il-ħabs. Li kieku kellhom ifittxuli fuqi, kont niġi fuċillat dak il-ħin stess. Tifħmuh dan?" Kien qed jgħid dwar meta qasam Sqallija. Hu jzid: Ara ma titniffsux ma' xi ħadd dwar dan il-proċess".

Għall-ewwel, il-Papa kien ħaseb biex l-ittri jibgħathom f'Għawdex direttament. Kien ser jibgħathom ma' qassis. Madankollu, kien hemm il-biża' li qassis seta' jagħti fil-għajn. Għalhekk, intbagħtu ma' Patri. Intgħazel Bonelli. Għalhekk, hu kien ġie Malta f'Awwissu, u ma riedx li jkunu jafu bil-preżenza tiegħu. Bil-għaqal tiegħu, lil Bonelli kollox marlu tajjeb. Imma Piju IX kien ħerqan li jiltaqa' ma' Bonelli qabel ma jippubblika l-Bolla tad-Djoċesi." Ġie deċiz li l-laqgħa mal-Papa tkun fit-13 ta' Settembru. Kien għad hemm il-possibiltà li Bonelli jerga' jkollu jintbagħat f'Malta f'isem il-Papa.

Din l-ittra kienet sigrieta wisq. Għalhekk, Bonelli talab lil Pace biex iqattagħha wara li jaqraha. Minflok ma qattagħha, Pace zammha mohbija sewwa.(12)

Lejliet il-Bolla tad-Djoċesi

Ġurnata qabel ma ġiet ippubblikata l-Bolla Appostolika għall-erezzjoni tad-djoċesi ta' Għawdex, Bonelli, fis-17 ta' Settembru 1864, raġa' kiteb ittra oħra lil Pace. Din ukoll kienet riservatissima.

Tibda b'dawn il-kelmiet: "Hallih ihabbat il-baħar! Id-dgħajsa ser tidħol żgura fil-port. L-affari waslet fi tmiemha". Hu jkompli jikteb: "Is-Santa Sede se tinforma lill-Gvern u lill-Isqof dwar id-dismembrazzjoni. Proviżorjament, se jinħatar Vigarju sal-Konċistorju tal-Millied". F'dak il-Konċistorju Mons. Buttiġieġ iddikjarat Isqof Djoċesan. Il-Ġiżwiti se jtiru bil-ferħ. X'uħud li moħħhom ma jwassalx wisq qed ixerrduha bħala fatt ċert li ser titwaqqaf f'Għawdex skola bi studenti interni (convitto), li tkun miżgħuda bil-professuri u l-istudenti".

Id-diffikultajiet minn Malta baqgħu sa l-aħħar mument. Ix-Xellugin: jiġifieri dawk li ma ridux id-djoċesi, kellhom jitqannew għax m'għaddietx tagħhom. Għalhekk, Bonelli jkompli jikteb: "Serrħu raskom. Bil-ferħ, ħudu ħsieb li taħdmu dik il-bizzilla għall-Papa". Huma kelmiet li jfissru li l-Għawdxin kienu mħeggin biex juru l-apprezzament tagħhom lejn Piju IX billi jibgħatulu ftit bizzilla ta' Għawdex.

Lil Pietru Pace, Bonelli jżid jgħidlu: "Inti żgur li tintbagħat f'Għawdex bħala Vigarju Ġenerali". Imbagħad Bonelli jagħlaq billi jikteb li għalih innifsu kien hemm xi proġetti oħrajn kemm min-naħa ta' l-Ordni tiegħu tal-Franġiskani Konventwali, kif ukoll min-naħa tas-Santa Sede.(13)

L-għada, 18 ta' Settembru, 1864, harget il-Bolla Appostolika "Singulari Amore" iżda li fil-fatt kienet bid-data tas-16 ta' Settembru.(14) Wara erbat ijiem biss, fit-22 ta' Settembru, Mons. Buttiġieġ, ġie ddikjarat bħala l-ewwel Isqof ta' Għawdex.(15) L-għażla ma kenitx taqa' fuqu li kieku ma kienx diġà Isqof titulari. Minħabba saħtu, ma kienx jinħass iżjed bħala l-persuna adattata.




SQUARE CELLAR

Widest Selection of:

- **Wines and Spirits**
- **American, English & French Cigarettes**
- **Finest Cigars**
- **Discounts on Larger Orders**

SQUARE CELLAR

Tel: 551845



Prop: Joseph Grech

St. Georges' Square, Victoria - Gozo

www.gozocathedral.org.mt

Għalhekk, b'mod differenti milli ppreveda Bonelli, Papa Piju IX ma qagħadx jistenna l-Milied biex lil Għawdex jaqtgħu minn Malta, u jagħmlu djoċesi li tkun tiddependi direttament mis-Santa Sede.

Riferenzi

1. JOSEPH BEZZINA, *Religion and Politics in a Crown Colony,* Valletta 1985, passim.
2. Ara Alexander Bonniċi, *Meta l-Isqof Buttiġieġ ried iwarrab minn Għawdex lill-Frangiskani Konventwali, f'L-Immakulata Kunċizzjoni - Programm-Festa* (Rabat, Għawdex 1994) 9-13.
3. Ibid. L-ittri kollha huma bejn 24 ta' Lulju 1864 u 8 ta' Marzu 1866. Bonelli ġie li lmenta ma' Pace talli dan il-Monsinjur kien iwieġeb fil-qasir wisq. Barra minn hekk, waqt li Bonelli kien jiftaħ qalbu u jgħarraf lil Pace b' kollox, Pace beda jsir dejjem iżjed diplomatiku. Għall-ittri, ara AAM, Corr. Spec., IV, n. 6.
4. Għal Franchi, ara R.Ritzler-P.Sefrin OFMConv, *Hier. Cath.,* VIII, Padova 1978, 644; għal Franchi u Formosa, ara Bezzina, ibid, passim.
5. Ritzler-Sefrin, ibid, 283.
6. Kollox hu mill-ittra Bonelli-Pace : AAM, *Corr. Spec.,* IV, n6, Ittra 24/7/95.
7. Ibid.
8. Ibid, Ittra 5/9/1864.
9. Ritzler-Sefrin, *Hier. Cath.,* VIII, 340.
10. AAM, *Corr. Spec.,* ibid, Ittra 10/4/1864.
11. Ibid.
12. Ibid.
13. Ibid, Ittra 17/9/1864.
14. Ritzler Sefrin, *Hier. Cath.,* VIII, 283.
15. Ibid.

Għal tagħrif interessanti u b'iktar dettalji dwar it-twaqqif tad-djoċesi ta' Għawdex ara l-ktieb ta'

JOSEPH BEZZINA

RELIGION AND POLITICS IN A CROWN COLONY

THE GOZO-MALTA STORY

1798 - 1864

Jinkiseb bi prezz ridott mill-ħwienet jew mingħand l-awtur

www.gozocathedral.org.mt

PARDI MOTORS LTD.

N.B. Republic Street,
Victoria, Gozo.

Telephone
556678 - 553744

- AUTO DEALERS
- AUTO SERVICE & SPARES
- PANEL BEATING
- SPRAY PAINTING
- TYRE & RADIATOR REPAIRS

www.gozocathedral.org.mt

L-AVUKAT FRANĊESCO MASINI U ĦIDMIETU FAVUR IL-PARROĊĊA TAL-KATIDRAL F'EGĦLUQ IL-MIT SENA MINN TWELIDU (1894-1994)

minn

Mons Arċipriet Carmelo Scicluna


L-avukat Franċesco Masini twieled fir-Rabat, Għawdex fis-6 ta' Diċembru, 1894 u ġie mgħammed fit-8 ta' Diċembru, Solennità Liturġika tal-Immakulata. Il-ġenituri tiegħu kienu l-avukat Giuseppe Masini u ommu kienet Franċesca Calleja. Il-parrini tiegħu kienu it-tabib Nikol Tabone u martu Elizabeth. Ismijiet oħra li kienu taw lill-avukat kienu Antonio, Eliżew, Nikol.

F'dan l-artiklu ser nillimita ruħi biss għall-aħħar ftehim li sar ma' l-Isqof ta' Għawdex, Ġuzeppi Pace dwar il-parroċċa tal-Katidral biex reġgħet ħadet posta fuq il-mappa tal-parrokat tad-djoċesi ta' Għawdex. Dan il-ftehim hu ffirmat mill-Isqof Pace flimkien ma' Dr. Francesco Masini, is-Sur Ġużeppi Vella Muskat u l-Ispiżjar Lwiġi Abela.

Il-Ftehim

F'dan il-ftehim ġie deċiż:

1. Il-purċissjoni ta' Santa Marija tibda tohroġ filgħaxija fil-15 ta' Awissu bl-istatwa sabiħa ta' Santa Marija.
2. L-ewwel tqarbina tat-tfal u l-amministrazzjoni tas-sagrament tal-Konfermazzjoni jsiru fil-Katidral, l-għażla tal-parroċċa tkun f'idejn il-ġenituri.
3. Id-delegat tal-Arċipriet fil-Katidral, bħal f'kull parroċċa, fil-quddiesa tiegħu ta' nhar ta' Ħadd, jagħmel omelija kif issir fil-parroċċi l-oħra kollha tad-djoċesi. (Illum kull saċerdot huwa obbligat jagħmel omelija, f'dak iż-żmien kienet issir biss mill-arċipriet jew mill-kapillan).
4. Jibdew jinżammu l-eżerċiżżi spiritwali fir-Randan kif isir fil-parroċċi l-oħra.
5. Il-funerali jibdew isiru wkoll fil-parroċċa tal-Katidral. Dan dejjem isir skond ix-xewqa tal-familja tal-mejjet.
6. Jibda jsir wkoll mill-familji ġbir għall-parroċċa tal-Katidral. (Dan qabel ma kienx isir).



L-AVUKAT FRANCESCO MASINI
6 ta' Diċembru, 1894 - 9 ta' Lulju, 1962

www.gozocathedral.org.mt

DewFresh®

Super Grade COOKED HAM

FOR THE HAMBITIOUS!

When the best ham does not meet your taste...
Dew Fresh Super Grade cooked ham excels.

Available smoked, boneless, cooked gammons.
Sandwich size square ham. Also round ham. (Perżut tond)
Continental specialities: Pork and Ham Loaf,
Garlic Sausage, Porkloaf, Lyoner Salami.



available at all leading stores

Exclusive wholesale distribution:

ALBERTOWN COLD STORES (J & C Pisani Limited)
Prince Albert Street, Albertown, Marsa. Tel: 229612, 621891

DewFresh® DewFresh® DewFresh®

www.ggzocathedral.org.mt

Dan hu l-qofol tal-ftehim li sar bejn l-Isqof Ġużeppi Pace u is-Soċjetà Filarmonika Leone. Ġie iffirmat mill-Avukat Francesco Masini u shabu diġa msemmija. Jien ma semmejtx il-ftehim kollu li sar għar-raġuni li l-Konċilju Vatikan it-Tieni ġab mieghu aġġornament kbir bil-konsegwenza li ċerti hwejjeġ inbidlu. Matul il-medda tas-snin sar iktar ftehim li llum tgawdi minnu l-parroċċa tal-Katidral.

Forsi hemm min jaħseb li b'dan il-ftehim, l-avukat Masini u shabu tal-Kummissjoni ma ghamlu l-ebda bravura. Min jirraġuna b'dan il-mod ma jkunx jaf xi jfisser tidħol ta' medjatur biex tikseb id-drittijiet tiegħek. Ix-xogħol li għamel l-avukat Masini għal dan il-ftehim żgur li kien jiswielu xogħol ta' sabar, ta' diplomazija, ta' diskrezzjoni u ta' prudenza kbira. Il-ftehim fuq kollox irid ikun ġust l-għaliex ma jkunx tabilħaqq ftehim naħa u tohloq inkwiet in-naħa l-oħra. U għalhekk tabilħaqq kien xieraq u ġust li f'eghluq il-mit sena minn twelidu, din ir-rivista annwali tal-parroċċa tal-Katidral, tfakkar lill-Avukat Masini li tant ħadem bis-shih ma' shabu biex il-parroċċa tal-Katidral

- mill-mewt tirxoxta għall-ħajja.
- mid-dlam tohroġ għad-dawl.
- mill-fosdqa tan-nessejja tinbet mill-ġdid fuq il-mappa tal-parrokkat tad-Djoċesi Għawdxija.

Min għadda minn din l-esperjenza jista jgħidlek x'jiswielek li tikseb mill-ġdid id-drittijiet li tkun tlift. Pajjiżi kbar fid-dinja biex mill-ġdid kisbu l-indipendenza tagħhom u ma baqgħux igħixu taħt it-takkuna ta' min jiflah aktar minnhom għaddew minn taħbit kbir. Ħafna drabi kien wara t-tixrid tad-demm li kisbu mill-ġdid drittijiethom. Hekk ukoll il-parroċċa tal-Katidral kellha taħdem bi shih biex mill-ġdid kisbet id-drittijiet tagħha parrokjali u għalhekk ngħidu minn qalbna: GRAZZI lill-avukat Francesco Masini għall-ħidma tiegħu siewja biex il-Parroċċa tal-Katidral tibda tiffunzjana wara ħafna snin ta' raqda profonda.




Francesco Masini waqt il-presentazzjoni ta' kalċi minn Ġużi Tabone, President tas-Soċjetà Filarmonika Leone, lill-Mons Isqof Ġużeppi Pace, fid-29 ta' April, 1956 fil-jum li fih l-istatwa ta' Santa Marija ġiet imtella' il-Katidral.

www.gozocathedral.org.mt



L-Ingress ta' l-Isqof Pace fuq id-debba bajda fi Triq Fortunato Mizzi (Illum Triq ir-Repubblika)
Ritratti kollha f' dan l-artiklu bil-kortesija ta' Dun Ġwann Dimech

Dehra ġenerali tal -Katidral waqt il-Konsagrazzjoni ta' l-Isqof Pace — l-ewwel konsagrazzjoni episkopali li kienet qed issir fil-Katidral.



www.gozocathedral.org.mt

50 SENA ILU IL-KONSAGRAZZJONI U L-INGRESS TA' L-E.T. MONS ĠUŻEPPI PACE IS-SITT ISQOF TA' GĦAWDEX FID-DAWL TA' L-ATTI KAPITULARI

minn

Mons Arċipriet Carmelo Scicluna

F'dan l-artiklu se nillimita ruħi għal dak li nkiteb fl-Atti Kapitulari tal-Katidral t'Għawdex rigward żewġ ġrajjiet importanti: (a) il-Konsagrazzjoni ta' l-Isqof Ġuzeppi Pace, illum magħrufa bħala l-Ordinazzjoni Episkopali u (b) l-Ingress tiegħu fil-Katidral bħala Ragħaj tad-djoċesi Għawdxija. Għaldaqstant nista' nħalli barra xi ismijiet li ġew imsemmija fil-gazzetti ta' dawk iż-żminijiet, iżda li ma ġewx inklużi fl-Atti Kapitulari.

19 TA' NOVEMBRU, 1944

L-ewwel laqgħa tal-Kapitlu tal-Katidral f'konnesjoni mal-Konsagrazzjoni ta' Mons Ġuzeppi Pace, Arċidjaknu tal-Knisja Katidrali, inżammet fid-19 ta' Novembru, 1944, jiġifieri aktar minn 50 sena ilu. F'din il-laqgħa straordinarja, il-Kapitlu, flok ngħid talab bir-rispett kollu, insista biex din l-Ordinazzjoni Episkopali tinżamm fil-Knisja Katidrali. Fil-fatt il-predeċessuri kollha ta' Mons. Ġ. Pace, ħadd minnhom ma kellu l-Ordinazzjoni Episkopali tiegħu fil-Katidral. Illum din il-funzjoni ma għadix aktar tissejjaħ Konsagrazzjoni, imma Ordinazzjoni Episkopali. Ix-xewqa tal-kapitlu kienet tant imħeġġa li fl-Atti Kapitulari nkiteb hekk: *"Intinerete agli Ill.mi e Rev.mi Monsignori.....che Domenica prossima, il 19 del corrente mese, dopo Nona si terra una adonanza straordinaria all'oggetto di esprimere e sottomettere a Sua Ecc.za Rev.ma Mons Giuseppe Pace... Vescovo di questa Diocesi l'unanime e vero desiderio di questo Rev.mo Capitolo, perchè contrariamente a quanto si è finora fatto, la Sua consagrazione abbia luogo in questo Cattedrale".* U fil-fatt ġie magħzul il-Preminent tal-Kapitlu, Mons. Dekan Lwiġi Cordina biex iwassal din ix-xewqa tal-Kapitlu lil Mons. Isqof Elett Ġuzeppi Pace. Il-Konsagrazzjoni ta' Mons. Isqof Ġuzeppi Pace tabilħaqq saret fil-Katidral t'Għawdex fis-17 ta' Diċembru, 1944. Ġie kkonsagrat mill-Eċċ.za Tiegħu Rev.ma Mons. Mikiel Gonżi. L-assistenti tiegħu kienu l-Isqfijiet Mons Emanuel Galea u Mons Fitzgerald ta' Ġibiltà. Għal din l-okkażżjoni kienu preżenti fil-Knisja folol kbar ta' nies. Saħansitra anki fuq iċ-ċinta tal-Knisja kien hemm in-nies biex jaraw din iċ-ċerimonja li bħalha qatt ma kienet saret qabel.

4 TA' FRAR, 1945

Fl-4 ta' Frar, 1945, il-Rev.mu Kapitlu studja l-Programm ta' l-Ingress ta' l-Isqof Ġ. Pace fil-Knisja Katidrali li Kumitat imwaqqaf apposta kien baġħat għall-approvazzjoni ta' l-istess Kapitlu. Wara li ġie eżaminat bir-

www.nocathedral.org.mt

THE BEST FROM THE BEST

smeg

Built-In and Free Standing Fridges, Fridge / Freezers,
Gas & Electrical Cookers, Washing Machines, Dishwashers and Minibars.

Miele

Washing Machines, Tumble Dryers, Spin Dryers,
Dishwashers, Built-In Electric Hob and Ovens, Built-In Fridge / Freezers

Creda

Electric Cookers, Built-In Electric Hobs and Ovens,
Microwave Ovens, Washing Machines, Tumble Dryers & Spin Dryers.

NEW WORLD


Gas Cookers and Built-In Hobs and Ovens

EDESA

Washing Machines and Refrigerators

iar

Fridge / Freezers, Chest and Upright Freezers



Forestals

Pope John Paul II Street, Victoria, Gozo. *(On the Way to Ta' Pinu)*
Tel: 551234

www.gozocathedral.org.mt


reqqa dan il-programm, il-Kapitlu Katidrali approvah għat-twettiq tiegħu. F'din l-adonanza r-Rev.mi Kapitulari qablu unanimament li joffru Lm6 kull wieħed minnhom (dak in-nhar Lm6 kienu ħafna flus) bħala kontribuzzjoni għall-ispejjes ta' l-imsemmi Ingress Solenni.

ITTRI APPOSTOLIĊI

L-ittri apostoloċi li bihom Mons Arċidjaknu Ġuzeppi Pace ġie maħtur Isqof t'Għawdex iġibu d-data ta' l-1 ta' Novembru, 1944. L-istess ittri jġibu l-firma tal-Kardinal Granito Pignatelli. Hemm ukoll il-firem tad-Dekan tal-Protonotarji Apostoloċi Alfonso Carinci kif ukoll tal-Protonotario. Din l-ittra tal-ħatra msemmija ġiet mibgħuta fit-23 ta' Novembru, 1944 minn wieħed mill-membri tal-Kanċellerija Apostolika, Alfred Liberali. U din l-ittra konċernata tinsab imniżżla bil-miktub fir-reġistru tal-Kanċellerija Apostolika, volum LXVIII jew volum 68 bin-numru 97. Tajjeb li minn din l-ittra niktbu din is-silta: *"Te ad illam apostolica auctoritate eligimus aeque episcopum praeficimus et Pastorem, necnon ejusdem Ecclesiae curam reginen et administrationem Tibi tum in spiritualibus tum in temporalibus plenariae comittimus"*. U fi ftit kliem dan ifisser li Mons Ġuzeppi Pace ġie maħtur bħala Isqof t'Għawdex u Raġħaj ta' l-erwieħ u amministratur kemm tal-ħwejjeġ spiritwali kif ukoll tal-ħwejjeġ temporali. U dan ifisser li kellu f'idejh l-amministrazzjoni sħiħa tad-djoċesi. Dawn l-ittri nqraw kemm fl-Adonanza tad-19 ta' Novembru kif ukoll fl-Adonanza ta' l-4 ta' Frar 1945. F'din l-istess data dawn l-ittri tal-ħatra ta' l-Isqof Pace ġew moqrija lill-poplu fil-quddiesa Konventwali.

26 TA' MARZU, 1945

Kien is-26 ta' Marzu meta l-kapitlu reġa' kellu adonanza straordinarja li għaliha din id-darba attenda wkoll l-Isqof il-ġdid Mons Ġużeppi Pace. F'din il-laqgħa, Mons Isqof Pace qara ittra li fiha l-ewwel u qabel kollox radd ħajr lir-Rev.mi Kapitulari għall-kontribuzzjoni finanzjarja li huma offrew għall-ispejjes tal-festa ta' l-Ingress tiegħu. Mhux biss, imma Mons Isqof radd ħajr lill-Kapitlu tal-Katidral għall-organizzazzjoni li fasslu għal dak in-nhar tal-Konsagrazzjoni Episkopali tiegħu. F'din l-ittra, Mons. Isqof Pace qalilhom ukoll li xtaq ikellimhom dwar certi dettalji għall-Ingress Solenni tiegħu fil-Knisja Katidrali. Beda biex qalilhom:
1 — Id-deputati magħżulin minnkom għall-organiżżazzjoni ta' dan l-Ingress, jiġifieri Mons Salvatore Attard, Mons Pawlu Cauchi u Mons. Teol. Lwiġi Galea dak in-nhar ta' l-Ingress joqogħdu fil-bieb tal-Knisja biex jilqgħu lill-mistednin.



~91~

Adunanza Capitolare del 19 Novembre 1944

Si è tenuta un'adunanza capitolare dopo Nona, convocata da Mons. Decano colla seguente scheda:

Inviato agli Illmi e Revmi Monsignori Dignitari e Canonici di questa S. Cattedrale che domenica — 19 del corrente mese, dopo Nona si terrà un'adunanza straordinaria all'oggetto 1° di esprimere e sottomettere a S. E. Revma Mons. Giuseppe Pace Ph. D. D. D, fu C. D. Prel. Dom. di S. S. acc. ecc. Vescovo Eletto di questa Diocesi l'unanime - vero desiderio di questo Revmo Capitolo, perchè contrariamente a quanto si è finora fatto, la sua consecrazione abbia luogo in questa Cattedrale

2° di discutere sui provvedimenti opportuni e di prendere le dette decisioni a riguardo di tale straordinaria e felice occasione, onde dare alla stessa la maggior solennità ove tale giusto e ragionevole desiderio venisse accolto.

Dato dall'Aula Capitolare

16 Novembre 1944

Dec. Luigi Cordina Pen.

Alla presente adunanza sono intervenuti i Revmi Monsignori D. Cordina, Attard, Galea, Cauchi, Giorg. Cefai, Vella, Dott. Gulia Catt, Gulia... mancava Pant...

Recitato il "Veni Creator", letta la cedola letto ed approvato il verbale della precedente adunanza si passò all'ordine del giorno ed in primo luogo si sottomette ai Revmi Capitolari il primo punto della scheda convocatoria e qui i Revmi Monsignori chiedono "per acclamationem" Mons. Preminente perchè si faccia interprete del loro unanime desiderio presso S. E. Revma Mons. Giuseppe Pace D. D. Vescovo Eletto della Diocesi di Gozo, perchè la sua consecrazione si faccia in questa S. Cattedrale.

L-Adonanza Kapitolari
19 ta' Novembru 1944


BSL

BRITANNIA SERVICES LTD.
173, MELITA STREET, VALLETTA.
Tel: 238039 / 245418

LOURDES

Il-kumpanija tagħna hija Aġenzija ta' l-ivvjaġġar.

L-Aġenzija tagħna għandha programm sħiħ ta' ġita għal Lourdes fuq titjiriet diretti ta' l-Air Malta bi prezzijiet tajbin u lukandi mill-aqwa fuq basi ta' FULL BOARD.



DIRECTORS: E. PACE BONELLO, L.L. BONELLO, N. FARRUGIA, A. TABONE.

www.gozocathedral.org.mt



Mument waqt il-Konsagrazzjoni

2 – Mons Preminent Mons Lwiġi Cordina jieħu ħsieb jikteb lill-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral ta' Malta biex jistiednu għal dan l-Ingress.

3 – Fl-ittra msemmija Mons Arċidjaknu ġie mitlub jgħarraf lill-Monsinjuri ta' Malta x'abiti għandhom jilbsu għal din l-okkażżjoni.

Ħawnhekk ħalla l-Awla Kapitulari Mons. Isqof Pace.


IL-PUSSESS TAD-DELEGAT TA' L-E.T. L-ISQOF Ġ. PACE

Bħala delegat ta' Mons. Isqof kien ġie magħżul id-delegat u l-Preminent tal-kapitlu Mons. L. Cordina. Għalhekk fl-4.00p.m. tas-7 t'April, 1945, jum qabel l-Ingress, Mons Delegat imsemmi ħa fil-Katidral il-pussess tat-Tron u ta' l-Istall ta' l-Isqof fil-Kor f'isem l-Isqof Mons. Ġ. Pace kif kienet il-konswetudini tal-Knisja dak in-nhar. Minn hemm baqa' sejjer fl-Awla Kapitulari flimkien ma' shabu r-Rev.mi Monsinjuri kif ukoll x-xiehda għall-professjoni tal-Fidi. Wara l-qari ta' l-Att ta' l-Elezzjoni ta' Mons Isqof Ġ. Pace, bħala Isqof t'Għawdex kif ukoll wara l-qari ta' l-Att li bih Mons Cordina ġie maħtur delegat ta' l-Eċċ.za Tiegħu Mons. Ġ. Pace, ħawnhekk ix-xiehda niżżlu l-firma tagħhom fuq dan l-Att. Ix-xiehda kienu, il-Kummissarju għal Għawdex is-Sur Edgar Ġorġ Montanaro, it-tabib Anton Tabone, il-Maġistrat Salvatore Attard, it-tabib Pawlu Grima, il-Professur Feliċ Cremona u l-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Joseph Axisa



L-Arċisqof Gonzi ma' l-Isqof Pace

www.gozocathedral.org.mt



BRONZSONS AUTO PARTS LTD.
28/12, Brared Street, B'Kara, Malta
Tel: 442119 - 446646 - 442212
Fax: 441921

www.gozoheritage.org.mt



Nhar l-Ingress, l-Isqof Pace flimkien mal-Gvernatur, l-Arcisqof Gonzi u l-Isqof Galea.

u l-Avukat Francesco Masini. Hawnhekk l-atti kapitulari jagħtu ħafna importanza lid-Delegat ta' l-Isqof li jagħmel il-parti ta' l-Isqof għal ftit tal-ħin. Dan id-delegat bħalma diġa stqarrejt ġie magħżul id-Dekan ta' dak iż-żmien Mons. Lwiġi Cordina. Dan id-delegat għal ftit tal-ħin ukoll imur taħt it-Tron minn fejn jintona t-'TE DEUM' imsieħeb dejjem minn żewġ monsinjuri li kienu Mons Arċipriet Mikiel Cefai u Mons Salvatore Attard. Din il-funzjoni kienet l-aħħar darba li saret l-għaliex iċ-ċerimonja tal-Konsagrazzjoni Episkopali ġiet mibdula u bdiet tissejjaħ Ordinazzjoni Episkopali u ċ-ċerimonja ta' 'l hekk imsejħa tad-Delegat ta' l-Isqof ġiet imneħħija għal kollox.

Iċ-ċerimonja tal-professjoni tal-fidi saret quddiem Mons Arċipriet Mikiel Ċefai u taħt it-Tron ta' l-Awla Kapitulari. Ir-Rev.mi Kollegi mbagħad taw it-tgħanniqa tal-Paċi lill-imsemmi Delegat. Immedjatament wara li ntemmet din il-funzjoni, il-Mons Delegat segwit mir-Rev.mi Kanoniċi Kapitulari daħlu fil-Knisja u l-istess Delegat intona t-Te Deum minn taħt it-Tron hekk kif Dun Ġużepp Grima, il-Viċi-Kanċellier tal-Kapitlu temm il-qari ta' l-Att konċernati. Hawnhekk Mons Delegat irċieva l-ubbidjenza tar-Rev.mi Kapitulari u Kleru preżenti. Fl-aħħar ingħata riċeviment li għalih kien preżenti wkoll Mons. Isqof Ġużeppi Pace. Imbagħad Mons. Isqof Pace nġabar fil-Kunvent tal-kappuċċini biex jgħaddi l-lejl ta' qabel l-Ingress għand il-Patrijiet tal-Kappuċċini kif kienet titlob id-drawwa ta' dak iż-żmien. Akkumpanjaw lil Mons Pace fil-karozza kien hemm il-Kummissarju għal Għawdex kif ukoll hu l-Isqof, Ġiġi Pace, avukat.

KONKLUŻJONI

Għalkemm għaddew 50 sena minn dawn iż-żewg ġrajjiet importanti, ħafna għadhom jiftakruhom. Jiena stess li kelli 13-il sena kont immur fil-'play ground' tas-Seminarju biex naraw lill-futur Isqof ta' Għawdex jirkeb id-debba u b'wiehed idoqq il-katuba warajha ħalli dawk l-organiżżaturi jaraw jekk id-debba tonforx meta tisma l-ħsejjes taċ-ċapċip u tal-murtali dak in-nhar ta' l-Ingress. Għall-Għawdxin kollha dawn kienu żewġ ġrajjiet li jgħaddi kemm jgħaddi żmien minn fuqhom qatt ma jiqdiemu.

www.gozocathedral.org.mt

7UP®

www.gozocathedral.org.mt

RAPPORTI
TA' L-ENTITAJIET TAL-PARROĊĊA

KUNSILL PARROKKJALI

Fl-1994 għamilna 7 laqgħat tal-Kunsill Parrokkjali flimkien mal-Kunsill Presbiterali. F'dawn il-laqgħa ġew studjati l-programmi tal-ġimgħa tal-Parroċċa, tal-Ġimgħa Mqaddsa, tal-ġimgħa Ewkaristika-Liturgika, il-Kwestjonarju fuq il-familja, il-programm ta' Santa Marija, tal-Katekizmu, il-Mini-Missjoni u l-Programm tal-Milied.

F'dawn il-laqgħat, wara li jkun inqara l-programm mill-Arcipriet, il-membri dejjem għamlu s-suġġerimenti tagħhom, li ġeneralment kienu milqugħin mill-Arcipriet u l-membri l-oħra, biex aktar jintlaħaq l-iskop ta' dawn l-attivitajiet.

F'din is-sena wkoll, saru żewġ laqgħat f'Manresa, waħda fil-ġimgħa tal-Parroċċa u oħra qabel il-festa ta' Santa Marija. Dawn kienu laqgħat ta' talb, riflessjoni u spiritwalità. Wara ppranzajna flimkien. Mons. Isqof ukoll attenda għal dawn il-laqgħat.

M.U.S.E.U.M. BNIET

1. Saret id-duttrina għat-tfal mill-Kinder sa Form V.
2. Saret laqgħa għan-nisa fil-ħin tad-duttrina darba fix-xahar.
3. Darba f'kull term saret laqgħa għall-ġenituri kollha.
4. F'Marzu saret il-Parents' Day.
5. It-tfal kbar u xi katekisti għenu fil-Quddiesa li ssir fiċ-Ċentru Parrokkjali nhar ta' Ħadd, kif ukoll fin-Novena tal-Milied.
6. Saru lezzjonijiet tal-kitarri nhar ta' Sibt għall-istudenti minn Form I 'l fuq.
7. Saret ħarġa kull nhar ta' Ħadd filgħaxija għat-tfal minn Year 6 'l fuq.
8. Fl-okkażżjoni tal-Grizma saret ġurnata rtir għall-istudenti ta' Form I, wara Treasure Hunt u ġew miktuba fil-Labtu tal-Karmnu.
9. L-istudenti li attendew fis-Sajf ġew meħuda tlett ijiem Summer Camp f'Malta.
10. Saret ġurnata rtir għal-istudenti mill-Form II 'l fuq.
11. Il-membri l-kbar attendew għal-laqgħa ta' Formazzjoni Permanenti li ssir kuljum għal madwar siegħa.
12. Il-membri l-kbar kellhom irtir kull l-ewwel Ħadd tax-xahar kif ukoll seminars u laqgħat oħra li jsiru kull ġimgħa minn saċerdoti fuq suġġetti differenti.

DUTTRINA - KAPUĊĊINI

1. Fil-Kunvent tal-Kapuċċini jinżamm it-tagħlim tal-Katekizmu.
2. Hemm tliet klassijiet li jlaħqu sa Year 6.
3. Tlieta huma l-Katekisti: Nikola Micallef, Seminarista u jien.
4. Il-ġranet tad-duttrina huma t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa.
5. Il-ħin ikun mill-5.15p.m. sas-5.45p.m.
6. Jattendu madwar 70 tifel u tifla u l-attendenza hija sodisfaċenti.

AZZJONI KATTOLIKA

Bħas-snin l-imgħoddija, l-Azzjoni Kattolika offriet is-seħem tagħha matul is-sena li għaddiet. Membri ta' L-Azzjoni Kattolika ta' kull nhar ta' Ħadd janimaw il-quddiesa tat-8.00a.m. waqt li anke jaqraw il-Lezzjoni; dan baqa' jsir b'mod regolari. Għall-quddiesa tat-tfal fiċ-Ċentru, diversi membri jieħdu seħem anke fl-organizzazzjoni ta' l-istess quddiesa.

Dwar il-Bullettini, dawn, ħafna minnhom

www.gozoathenaeum.mt

FULGOR SERVICE

PORTABLE AMPLIFIERS FOR PROCESSIONS



This ingenious mechanism is certainly the best in voice diffusion. It just weighs 4½ kilos, is very handy and easy to carry as it has a free carrying strap.

This apparatus has rechargeable batteries inside the pole and the amplifier can even work on a 220v car battery.

The amplifier has a range of 200m but can also be connected to other voice diffusion mechanisms which in turn increases the range of the amplifier and makes it even possible to use this amplifier for long processions.

E. THEUMA & CO. LTD.

E. THEUMA & CO. LTD., THEUMA HOUSE, 302, ST. PAUL STREET, VALLETTA VLT 07. TEL: 234075/234605. FAX: 244201

www.gozocathedral.org.mt

huma fdati f'idejn il-membri kollha.
Rigward għajnuna fil-Librerija, Bazaars, tindif u xogħol ieħor li nistgħu ngħidu li hu xogħol indispensabli, il-membri tagħna joffru l-għajnuna tagħhom ukoll.
Fil-funzjonijiet li jsiru fil-parroċċa, il-kontribut xieraq ma jonqosx, ta' min isemmi l-irġiel li jieħdu sehem fil-purcissjoni tal-Kwaranturi u kemm in-nies li jorganizzaw is-siegħa adorazzjoni quddiem Gesù Sagramentat fis-siegħa propja fdata lilhom; din jieħdu sehem fiha anke l-irġiel, dan kollu barra minn għajnuna oħra li tigi mitluba toffri minn ġurnata għal oħra.
Waqt li nirringrazzja f'isem l-Azzjoni Kattolika lill-istess membri li qed jagħtu dan il-kontribut hekk xieraq, inħeġġiġhom biex ikomplu jagħtu din l-għajnuna.
Nirringrazzja wkoll lir-Rev. Arċipriet u l-Presbiterju Parrokkjali ta' l-għajnuna siewja li dejjem offrew lill-istess Għaqda tagħna kull meta avvičinajnihom.

LADIES CIRCLE

Il-fergħa tagħna tal-Ladies Circle taċ-Ċentru tal-Katidral torganizza attivitajiet reliġjuzi u anki rikreattivi bħalma huma coffee mornings u lotteriji.
Dawn u affarijiet oħra lkoll isiru bi skop ta' fund raising.
Bi pjaċir ngħid li din is-sena nġabret is-somma ta' Lm751.84, jiġifieri 'l fuq minn Lm154 iżzjed mis-sena ta' qabel.

LEĠJUN TA' MARIJA

Matul l-1994, il-leġjun ta' Marija fir-Rabat wettaq apostolat barra minn Malta u b'mod specjali f'Għawdex u għen f'diversi ħidmiet li saru b'risq il-Parroċċa tal-Katidral.
1. Membri nisa jgħallmu d-duttrina lit-tfal fiċ-Ċentru "Raġħaj it-Tajjeb". Membru jipprepara wkoll xi tfal għas-Sagrament tal-Grizma ta' l-isqof fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Katidral.
2. Membru jmexxi l-Librerija f'dan iċ-Ċentru Parrokkjali u jkun mgħejjun minn xi membri oħra matul il-ġimgħa.
3. F'dan iċ-Ċentru wkoll membru jżomm Lezzjonijiet tar-Reliġjon biex studenti jkunu jistgħu jagħmlu eżamijiet tal-Matrikola f'dan is-suġġett.
4. Membri Leġjunarji jżuru anzjani u persuni morda tal-Parroċċa biex jfarrġuhom u jgħinuhom. Leġjunarji oħra jagħmlu home visitation bl-istatwa tal-Madonna u jitkellmu mal-familji bl-iskop ewlieni li jsaħħu l-familja spiritwalment.
5. Membri rġiel u nisa jagħtu sehemhom fil-Kunsill Parrokkjali u fil-Ladies Circle. Jgħinu f'xi attivitajiet bħal fil-Bazaar tal-Milied.
6. Membri qegħdin regolarment jagħmlu numru kbir ta' kuntatti mat-turisti fil-Knisja Katidrali u jkellmuhom dwar il-Fidi Kattolika. Sar bosta ġid spiritwali ma' lapsed catholics u xi turisti resqu għas-sagrament tal-Qrar dak il-ħin stess wara snin twal imbegħda mis-sagramenti.

ĊENTRU RAGĦAJ IT-TAJJEB

Il-ġranet tad-duttrina huma l-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa. Il-lezzjonijiet isiru fit-3.30p.m. Il-klassijiet huma minn Year 1 sa Form I. Fl-4.00p.m. toħroġ il-quddiesa li għaliha jattendu ħafna ommijiet. Kull ħmistax isir filmin fuq xi storja mill-Bibbja. Nibgħatu rapport ta' kull tifel u tifla lill-ġenituri kull xahrejn.
F'Marzu ssir il-Parents' Day u fl-aħħar tas-sena Prize Day u Sports Day.
Il-maġġoranza tat-tfal jattendu regolarment.

CATHOLIC BOOKSHOP

1. Fis-sena 1994 mill-Bookshop tal-Katidral inbiegħu madwar 700 ktieb ta' ispirazzjoni kattolika. Evidenti m'aħnix nitkellmu minn kotba ta' ftit ċenteżmi.
2. L-office hours huma mit-8.30 sal-11.30a.m. u mill-4.30 sas-6.00p.m. Is-Sibt filgħaxija u l-jum tal-Ħadd ikun magħluq.
3. Il-Bookshop iforni wkoll lill-Knejjes Parrokkjali b'kotba liturġiċi bħalma huma: ir-

www.gozoathedral.com.mt

With
the
compliments
of



FIBERMAR CO. LTD.

KW6, CORRADINO IND., ESTATE,
PAOLA - MALTA TEL: 673237

ID-DITTA LI QIEGHDA
TAGHMEL RESTAWR TAS-SAQAF
TAL-KNISJA KATIDRALI

www.gozocathedral.org.mt

Rit il-Ġdid taż-Żwieġ, ir-rit tal-funeral b'format ċkejken, il-Kalendarju tad-Djoċesi t'Ghawdex u ta' l-Arcidjocesi ta' Malta.

4. Fis-sena li ghaddiet kellna wkoll assortament kbir ta' statwetti tal-qaddisin kif ukoll bookmarks u santi ta' diversi qaddisin u diversi daqsijiet.

SORIJIET FRANGISKANI TAL-QALB TA' GESÙ

1. Nghallmu l-katekizmu lit-tfal minn Kinder sa Year 6, mit-Tnejn sal-Hamis.
2. Jattendu madwar 50 tifel u tifla.
3. Barra mill-kotba maħruġin mill-Kummissjoni Kateketika jsir qari ta' hajjiet ta' qaddisin, u xi diskussjonijiet fil-klassijiet il-kbar.
4. It-tfal li jkunu qeghdin jigu mhejjija ghall-Ewwel Tqarbina jigu meħuda fil-post fil-kunvent taghna fejn isiru l-Ostji. Nippreparawhom mill-ahjar li nistghu ghall-Ewwel Tqarbina.
5. Fiż-żmien tal-Milied it-tfal sarilhom party u nghataw oġġetti u kotba b'tema reliġjuża bhala rigal.
6. Fix-xahar ta' Mejju, ix-xahar tal-Madonna ssir ċerimonja ghat-tfal flimkien mal-ġenituri. Waqt din iċ-Ċerimonja waħda mit-tfal li tkun ghamlet l-Ewwel Tqarbina matul is-sena, tpoġġi kuruna ta' ward fuq ras il-Madonna. Isir kant, talb u l-Konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Marija.
7. Niehdu sehem attiv fil-Purcissjoni tal-Kwaranturi tal-Parroċċa.
8. Nibghatu r-rapporti kull xahrejn lill-ġenituri.

LIBRERIJA PARROKKJALI

Il-librerija tal-Katidral issa dahlet fit-13-il sena taghha u matul is-snin dejjem tagħat servizz siewi mhux biss lill-parroċċa tal-Katidral imma lil Ghawdex inġenerali. Din is-sena nkitbu jew ġeddu l-membership mat-350 membru li ftit minnhom biss huma membri tal-parroċċa taghna. Peress li issa l-librerija qed tispeċjalizza f'suġġetti akkademici terzjarji bhalma hi l-filosofija, teoloġija, psikoloġija u edukazzjoni, bosta huma dawk l-istudenti universitarji li qed jiġu l-librerija ghar-riċerka ta' l-assignments u anke teżijiet li jkollhom jaghmlu.

In-numru tal-kotba u journals issa wasal biex jilhaq l-40,000 ktieb. Dan hu numru kbir ghal-librerija li ma tirċievi l-ebda sussidju regolari minn hadd. Biżżejjed nghidu li librerija ta' skola anke l-aktar żghira tirċievi grant ta' Lm200 fis-sena. Libreriji ta' skejjel kbar jirċievu grant ta' Lm400 fis-sena u libreriji pubbliċi governattivi grant ta' Lm4,000 fis-sena.

Mhux ser insemmi lil Dun Tony li ghadu jibgħat mill-Amerika 'l fuq minn elfejn ktieb fis-sena, imma nsemmi numru ta' nies fosthom hemm tnejn mill-parroċċa l-ohra tar-Rabat li jghinu bhala 'book deliverers" tal-Librerija. Li kieku ma kienx ghal hidma volontarja bla hlas li jagħmlu dawn in-nies kieku l-librerija taghlaq. Ma ninsewx li l-librerija tiftaħ fil-jiem kollha tal-ġimgħa inkluż is-Sibt filghodu u l-Hadd filghodu. Dawn il-book deliverers, l-istess bhal dawk li jqassmu l-bullettin jew jghinu b'xogħol ieħor, qed jagħtu servizz kbir fi ħdan il-parroċċa.

Xogħol maġġuri li sar fil-Librerija din is-sena kien il-bdil ta' biċċa mis-saqaf tal-librerija ghax qatt ma kien irnexxielna naqtgħu l-ilma tax-xita li kien jagħmlilna ħafna ħsara fil-kotba. Il-librerija issa tinsab inxurjata ghas-somma kapitali ta' Lm50,000. L-insurance hi kontra l-ħruq biss ghas-somma ta' Lm154 fis-sena liema somma tingabar mill-membership u flus li jibgħatli Dun Tony mill-Amerika.

Jiena bhala librar nixtieq li l-parrucċani taghna jkunu aktar konxji tas-servizzi edukattivi li qed toffri l-librerija. Sena wara l-ohra dejjem nokrob f'din l-assemblea parrokkjali dwar il-bżonn kbir ta' assistent librar, jew aħjar librar minn floki ghax jien issa kbirt fl-età biex nibqa' nieżel u tiela s-slielem. Lanqas jaqbel li f'każ ta' mard ta' bniedem wieħed xi servizzi jieqfu, ghax ma jkunx hemm sostitut biex jaqdi l-istudenti fil-bżonn li jkollhom.







The latest fashion at Fantastic Prices

J.B. Stores, L-Iklin Road, Lija BZN 09.
Tel: 435537, 435491 Fax: 435475

www.gozocathedral.org.mt

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

1 ta' Awwissu, 1994 - 31 ta' Lulju, 1995

Magħmudijiet



DATA	ISEM TAT-TARBIJA	ISEM IL-ĠENITURI
7-8-94	Christopher Vella	Grezzju u Carmen Pace
10-8-94	Miriam Refalo	Frank u Anita Cassar
14-8-94	Liana Agius	Raymond u Rita Bajada
21-8-94	Diego Mario Haber	Chalie u Josephine Tabone
3-9-94	Massimo Bugeja	Eugene u Alda Cassar
11-9-94	Joshua Caruana	Joseph u M'Louise Grech
23-9-94	Mariliana Debrincat	Sunny u Karen Grech
24-9-94	Marvic Cordina	Anton u Maria Vella
25-9-94	Cheryl Camilleri	Micheal u Doreen Cefia
9-10-94	Sebastian Gatt	Joe u Maria Xuereb
23-10-94	Nikol Walter Grech	Gorg u Maria Bezzina
16-10-94	John Anthony Navarro	Joseph u Grace Grech
8-10-94	Christian Vella	Martin u Francis Camilleri
20-11-94	Massimo Grech	Joseph u M'Josette Pavia
27-11-94	Donna Gatt	William u Mariella Camilleri
8-12-94	Daniel Mercieca	Joe u Josephine Pavia
11-12-94	Louise Abela	Joe u Vivienne Bezzina
11-12-94	Elena Farrugia	Joe u Miriam Farrugia
17-12-94	Malcolm Dimech	Enzo u Janet Galea
22-1-95	David Grech	Reno u Doreen Calafato
21-1-95	Noella Saliba	Anthony u Miriam Muscat
12-2-95	Thomas Cassar	Anton u Bella Domelle
12-2-95	Nicholas Cassar	Anton u Bella Domelle
12-2-95	Gabrielle Portelli	Joseph u Elizabeth Spiteri
12-2-95	Mariella Tabone	George u Eugenia Grima
19-2-95	Steve Fayek	Gorg u Cristina Dimech
4-3-95	Michelle Zuber	Romeo u Maria Scicluna
4-3-95	Moira Scerri	Dominic u Elizabeth Pace
5-3-95	Simon Caruana	Frank u Pawlina Aquilina
12-3-95	Joseph Bugeja	Joseph u Mary Formosa
2-4-95	Joseph Jude Camilleri	Pawlu u Maria Cefai
15-4-95	Denise Apap	Raymond u Maria Pisani
16-4-95	Marija Calleja	Louis u Josephine Calleja
1-5-95	Jake Ayrton Bajada	Joseph u Irene Scerri
22-5-95	Justin Haber	M'Angelo u Rosann Galea
4-6-95	Chantelle Marie Said	Mario u Victoria Sultana
11-6-95	Nicholas Grima	Saviour u Monica Gatt
13-6-95	Francesco Attard	Vincent u Guza Bajada
17-6-95	Stephan Debono	Joseph u Antoinette Grech
18-6-95	Maria Zammit	Raymond u Susan Hili
2-7-95	Joseph Vella	Joseph u Michelle Farrugia

www.ozoned.org.mt



MIDAS TOUCH JEWELLERS

37, Main Gate Street Victoria VCT 103
(opposite the Bus Terminus)
Tel: 560828

GOZO LARGEST COLLECTION

of exclusive
GOLD AND SILVER
articles
at very moderate prices

www.gozocathedral.org.mt

L-Ewwel Tqarbina



ISEM	INDIRIZZ
Abela Gerald	'Eden Hse', G. Labre Street, Victoria
Aguis Leanne	'RodieChar', Karlu Galea Str, Victoria
Bugeja Anthony George	'Jackter Hse', St. George's Fief, Victoria
Camilleri George	39, Viani Street, Victoria
Camilleri Frankie	Flt. 4, Pope John Paul II Street, Victoria
Cassar Vicmarie	25, Triq l-Assunta, Victoria
Cini Gilbert	'Josel', Karlu Galea Street, Victoria
Cutajar Lara Maria	'The Lodge', Europa Street, Victoria
Dimech Catherine	'God Bless Canada', D.Lanzon Str, Victoria
Fenech Norbert	NB. Ganni Vassallo Street, Victoria
Galea Elaine	'Myville', Dun Bosco Street, Victoria
Galea Sarah	'Sunset', Viani Street, Victoria
Gamoudi Nadia	108, Ghajn Qatet Street, Victoria
Gatt Adrian	'Alba Hse', Sunta Street, Victoria
Gatt Charlene	'Serdonix', Ca[illegible] Street, Victoria
Grech Louise	15, Sir Paul [illegible] Victoria
Haber Angel	31, St[illegible] Street, Victoria
Meilaq Samara	'MER' [illegible] Str, Victoria
Mifsud Carmen	95, Ca[illegible] Street, Victoria
Mampalao Lara	3[illegible] Gorgi Camilleri Str, Victoria
Piscopo Tracy	G[illegible] Soldanis Str, Victoria
Scicluna Steve	[illegible] Mary Street, Marsalforn
Sciortino Nadine	'Mephidea', Mattia Preti Street, Victoria
Saliba Analise	'Shalom', Karlu Galea Street, Victoria
Saliba George	'Maple Leaf', Capuchins Street, Victoria
Scott Stephanie	Blk. B, Flt. 4, Tac-Cawla, Victoria
Vella Graziella	'Qalb ta' Maria', Borg Gheritu Str Victoria
Vella Joanne	'Wied il-Gheneb', Europa Str, Victoria
Xerri Rossana	Blk K DrA, Flt 3, Tac-Cawla, Victoria
Xuereb Etienne	'Merhba', Triq Anton Tabone, Victoria
Zammit Annabelle	'Julmar', Karcem Street, Victoria
Zammit Karl	'Dahlia', Mattia Preti Str, Victoria
Zammit Maria	'Madonna ta' Pinu' Ghedrin Str, Victoria
Zammit Mark	Palm Str, Victoria

Griżma ta' l-Isqof



ISEM	NDIRIZZ
Abela Mario	34 Sump Street, Victoria
Agius Joseph	Fomm il-Gir Street, Victoria
Agius Rodienne	Karlu Galea Street, Victoria
Azzopardi Lara Marie	'Is-Sliem', G.E. Mercer Str, Victoria
Azzopardi Ryan	103 Europa Street Victoria
Bajada Joseph	'Ave Maria' Mro A Lanzon Street, Victoria

www.gozocathedral.org.mt

CURTAIN AND UPHOLSTERY FABRICS

MADE TO MEASURE CURTAINS



TEXTILES

Zabbar Rd., FGURA
TEL: 801092 FAX: 806004
Constitution Str., MOSTA
Tel: 432003

www.gozocathedral.org.mt

Bonnici M'Rita	52 St Mary Street, Victoria
Camilleri Andreas	NB. Foreman Street, Victoria
Camilleri Cathrine	Archripriet Cassar Street, Victoria
Camilleri Mario	76 Arch. Cassar Street, Victoria
Camilleri Mark	'Garden Hse' F. Mizzi Street, Victoria
Camilleri Mario	Wied is-Seqer Street, Victoria
Caruana Maureen	47 Enriku Mizzi Street, Victoria
D'Anastasi Melvin	Borg Gheritu Street, Victoria
Farrugia Joseph	'Franc Dor' A. Mallia Street, Victoria
Farrugia Marie	'Stepping Stone', St Leonard Street, Victoria
Farrugia Ryan	15 Wied Sara Street, Victoria
Galea Kenneth	Vale View Lunzjata Valley Street, Victoria
Grech Joseph	Blk D, Flt. 6 Tac-Cawla, Victoria
Grech Marlene	'St Mary', Borg Gheritu Street, Victoria
Grech Nadine	'Baci', Fortunato Mizzi Street, Victoria
Grima Frankie	103 Europa Street, Victoria
Magro Nicholas	Magro Court, Marsalforn
Mercieca Charlene	'Cariss Hse', Ganni Vassallo Street, Victoria
Micallef Jason	'Ta Giannina' Republic Street, Victoria
Mizzi Ruben	Blk A, Flt. 4 Tac-Cawla, Victoria
Meilaq Charlene	NB. Sump Street, Victoria.
Muscat David	39 Dun Pawl Micallef Street, Victoria
Muscat Mark	'Il-Kenn', Guze Ellul Mercer Street, Victoria
Muscat Patrick	Guze Ellul Mercer Street, Victoria
Muscat Stephanie	Michelle Busuttil Street, Victoria
Pisani Trudy	'Casa Pisani', Triq il-Gilju, Victoria
Portelli Joanne R.	NB. Ta' Luvier Street, Munxar
Rapa John	'Mariliana Hse', St Leonard Street, Victoria
Refalo Angela	Calypso Street, Xaghra
Refalo James	12 St Dominic Street, Victoria
Saliba Kevin	'St Marija', Triq il-Municipju Ruman
Saliba Melissa	'Manitoulin', Carolina Cauchi Street,Victoria
Scerri David	3, Triq Karmine, Victoria
Scicluna Stefan	Casa Scicluna, Arc. Pace Street, Victoria
Scott Christopher	Blk B, Flt.4, Tac-Cawla, Victoria
Spiteri Bernard C.	'St Mary Hse'Antonio Mallia Street, Victoria
Vella Charlene	'Sunmar' Mons P.Pace Street, Victoria
Vella James	Triq l-Ewropa, Victoria
Vella John	'Little River Hse', Viani Street, Victoria
Zammit Matthew	Karlu Galea Street, Victoria
Zammit Paul	'Madonna ta' Pinu', Ghedrin Street, Victoria

www.gozoarchdiocese.org.mt

GHALL-AHJAR U
GHALL-ORHOS IKEL
F'MARSALFORN

OTTERS

Bar & Restaurant

TGAWDI WKOLL
DEHRA MERAVILJUŻA TAL-BAHAR

U FUQ KOLLOX

TIEKOL FUQ VAPUR
LI MA JIĊĊAQLAQX

St Mary Street • Marsalforn
Tel: 562473

www.gozoaffordable.org.mt

Żwiġijiet



Awissu '94	Vincent Vella u Elizabeth Mercieca
Settembru '94	Victor Mucat u Mary Anne Portelli
	Etienne Depascuale u Miriam Azzopardi
	Micheal Grima u Francis Portelli
Ottubru '94	Micheal Stephen Caruana u M'Grace Cassar
	Joseph John Falzon u Anna Refalo
April '95	Harry Debrincat u Silvia Mercieca
	Anton Portelli u Ruth Zammit
	Tony Grech u Simone Abela
	Paul Apap u Antonella Grech
	David Callus u Josienne Hili
Lulju '95	Raymond Spiteri u Miriam Mejlak
	Paul Mizzi u Stephanie Portelli
Awissu '95	Micheal Vella u Doreen Cordina

Imwiet



Awissu '94	Theresa Micallef	77 sena
	Annunzjata Borg	93 sena
Settembru '94	George Attard	64 sena
Novembru '94	Grezzja Attard	75 sena
	George Tabone	83 sena
	M'Antonia Caruana	75 sena
Dicembru '94	Joseph Bajada	79 sena
Jannar '95	Nazzarena Schembri	82 sena
	Saveria Debrincat	74 sena
	Mons Mikiel Grech (Tez.)	87 sena
Frar '95	Manuel Vella	65 sena
April '95	Francis Pavia	76 sena
	Rita Debrincat	78 sena
	Tarcisia Galea	90 sena
	Francis Scicluna	78 sena
Mejju '95	Carmelo Gatt	77 sena
Gunju '95	Gorg Bezzina	43 sena
Lulju '95	M'Anna Falzon	80 sena
	Karlinu Camilleri	69 sena
	Reginald Spiteri	58 sena

www.gozocathedral.org.mt

RAPPORT FINANŻJARJU GĦAS-SENA 1994

	1994	% fuq l-1993	1993
BILANĊ FIL-BIDU TAS-SENA	**Lm 9052.51**		*Lm 6273.41*
DĦUL			
Sassla, Kaxxi tal-Qaddisin, Turisti u Ġabra tal-Festa	12973.60	+ 7.32 %	*12088.85*
Dħul lehor	3513.61	- 2.59 %	*3606.94*
Interessi Fuq Depożiti l-Kurja	3029.25	+ 5.13 %	*2881.39*
Biegħ ta' Oġġetti mill-Knisja	410.30	+ 112.31 %	*193.25*
Dħul għall-Quddies u Funerali	7326.53	+ 163.21 %	*2783.54*
Dħul mill-Legati	817.50	+ 1.82 %	*802.90*
TOTAL TAD-DĦUL	**Lm 28070.79**	**+ 25.56 %**	***Lm22356.87***
ĦRUĠ			
Quddies u servizzi oħra għas-saċerdoti	8765.19	+ 9.14 %	*8030.82*
Servizzi ta' Abbatin u persuni oħra	121.00	- 60.59 %	*307.00*
Ostji, Inbid u ħasil ta' Purifikaturi, eċċ	458.00	+ 8.65 %	*421.55*
Depositi l-Kurja	14068.44		*0.00*
Manutenzjoni/Opri Ġodda tal-Knisja	1316.23	- 49.35 %	*2598.47*
Xogħol ta' Stampar, Telephones, Dawl u Ilma	1668.12	- 23.89 %	*2191.83*
Donazzjonijiet	1435.65	- 14.15 %	*1672.22*
Infieq lehor (Festa Titulari, eċċ)	1961.85	- 26.55 %	*2670.98*
Xiri ta' Oġġetti għall-biegħ	633.80	+ 38.32 %	*458.20*
Taxxa	569.89	- 2.58 %	*585.00*
Ħruġ għal Legati	825.35	+ 28.62 %	*641.70*
Leone Band Club	1095.00		*0.00*
TOTAL TAL-ĦRUĠ	**Lm 32918.52**	**+ 68.14 %**	***Lm19577.77***
BILANĊ FL-AĦĦAR TAS-SENA	**Lm 4204.78**		***Lm 9052.51***

ĠBIR GĦALL-KARITÀ

Ġabra għall-Missjoni f'Ottubru	Lm 761.00
Ġabra għall-Obolo ta' San Pietru	241.00
Ġabra għall-Karità f'Novembru	247.00
Ġabra għas-Seminarju	742.00
Borża ta' Studju moghtija minn parruċċana għall-Patrijiet Missjunarji ta' San Pawl	250.00
Borża ta' Studju ta' parruċċan żgħażugħ li ntbagħtet lil Fr Joe Cilia	250.00
Ġabra ta' l-Ewwel Tqarbina u tat-tfal tal-Griżma	91.00
Ġabra għall-Art Imqaddsa	202.00
Ġabra għall-Missjoni fil-ġranet tal-Festa	100.00
TOTAL	**Lm 2884.00**

www.gozocathedral.org.mt

IL-ĦAJJA PASTORALI BIR-RITRATTI 1994 - 1995



-bidu tal-Ġimgħa tal-Parroċċa (5 ta' Marzu, 1995), Mons. Arċipriet Carmelo Scicluna fetaħ bierek Wirja fiċ-Ċentru Parrokkjali dwar il-ħidma li qegħdha ssir fil-parroċċa (fuq). Wara uwa spjega lil dawk preżenti id-diversi sezzjonijiet tal-Wirja (isfel). Din kienet imtella' bil-dma ta' Dun Joe Vella Gauci, Vigarju Parrokjali, u s-seminarista Anthony Mario Saliba.



www.nazzarethcrd.org.mt



It-tfal bniet (fuq) u t-tfal subien (isfel) li rċivew is-Sagrament ta' l-Ewwel Tqarbina flimkien ma' l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, u Mons. Carmelo Scicluna, Arċipriet tal-Katidral (24 ta' Mejju, 1995).



www.gozocathedral.org.mt



-tfal bniet (fuq) u t-tfal subien (isfel) li rċivew is-Sagrament tal-Konfermazzjoni flimkien ma' E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, u Mons. Carmelo Scicluna, Arċipriet tal-atidral (25 ta' Mejju, 1995).



www.cathedral.org.mt



Matul il-Ġimgha tal-Parroċċa (il-Ħamis, 9 ta' Marzu, 1995), saret Assemblea Ġenerali tad-diriġenti tal-fergħat kollha li jaħdmu fi ħdan il-parroċċa. Il-laqgħa saret fid-Dar ta' l-Irtiri Manresa. Kien hemm ħin ta' ġabra u diskussjoni u nqara wkoll ir-rapport ta' kull entità, rapport li qieghed jidher f'parti oħra ta' din ir-rivista. Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Ġunju, 1995, il-Vigarju Parrokkjali, Dun Girgor Grech, ċerimonjiet djoċesan, fakkar eghluq il-ħamsa u għoxrin sena ta' l-ordinazzjoni tiegħu b'quddiesa u riċeviment għas-saċerdoti u l-membri kollha tal-parroċċa.



www.ggzocathedral.org.mt

RESTAWR TA' PITTURA U OPRI ĠODDA




Nhar l-Erbgħa, 2 ta' Awwissu, 1995, fit-tmiem tar-restawr, kien mikxuf mill-ġdid is-saqaf tal-korsija tal-Katidral. Ir-restawr sar minn Manwel Zammit miż- Żejtun li beda x-xogħol fid-19 ta' Mejju, 1994, u temmu fil-bidu ta' Awwissu. L-armar kien tqiegħed fi Frar 1992 għax qabel beda r-restawr proprju kien meħtieġ li jsiru mill-ġdid il-gwarniċuni tal-pittura li saru tal-fibre-glass mid-ditta Fibermar Co. Ltd. ta' Corradino. Għaż-żebgħa tas-saqaf ir-restawratur Zammit kien mgħejjun mill-aħwa Mario u Joseph Camilleri. Joseph għen ukoll fir-restawr ta' l-induratura tas-saqaf. It-tieni fażi, ir-restawr tal-kor u tas-slaleb laterali jibda wara Santa Marija. Fuq tidher il-pittura li tirrappreżenta l-Annunzjazjoni tal-Madonna wara r-restawr.(ritratti ta' Alvin Scicluna u Fr. Joe Bezzina).


www.gozocathedral.org.mt



Il-pittura restawrata u l-induratura ġdida fis-saqaf tal-korsija.



www.cathedral.org.mt



Biċċa xogħol oħra li tlestiet matul din is-sena kienet il-galerija ta' l-orgni, xogħol sabiħ fl-injam ta' Ġorġ Farrugia bl-ornmenti tal-bronż maghmula minn Nicholas Green, Ingliż li għamel żmien joqgħod fiċ-Ċittadella.
Opra oħra ġdida li saret mill-parroċċa kienet il-lapida bl-ismijiet tal-kappillani u l-arċiprieti.



www.gozocathedral.org.mt

IRRID INĦOBBOK JIEN

Mhux biss bil-kliem irrid li jien inħobbok,
Mhux biss bil-qalb għax din tkun emozzjoni,
Mhux biss bit-talb taż-żibeġ tal-kuruni,
Mhux biss bil-bews tas-santi u devozzjoni.
Irrid inħobbok jien kif int tħobb lili,
Bla interess fil-ferħ u n-niket tiegħi,
Kull meta d-dawl tat-tama jgħib ġo fija,
Irrid inħobbok jien u nghannqek miegħi.
Irrid inħobbok jiena f'ħuti l-oħra,
Li qed iġarrbu gwerra ta' ħruxija,
Irrid ningħaqad magħhom f'sagrifiċċju,
Kalvarju shih ta' dmija u tbatija.
Irrid inħobbok jien ma' dawk l-imsejkna,
Li qed isofru ġieħ u għatx bla ħniena,
Mal-karba tagħhom nghaqqad il-krib tiegħi,
Offerta waħda minn tant qlub sobiena.
Irrid inħobbok jien man-nies milquta,
Bħal tar-Ruanda, l-Bosnia u s-Sudan,
Għaliex ilkoll kemm huma dan uliedek,
Isibu l-kenn fil-mant tiegħek setgħan.
Irrid inħobbok jien meta minn qalbi,
Joqtor id-demm fil-kalċi ta' xortija,
Irrid inħobbok jien xħin minn għajnejja
Iġelben dmugħ ta' niket u tbatija.
Irrid inħobbok jien maħbuba tiegħi,
Kif int taf tħobb lill-ħbieb fidili tiegħek,
Irrid ninħall minn kull irbit tal-ħajja,
Sabiex ningħaqad kollni kemm jien miegħek.
Għaliex kull min imiss it-tarf ta' djulek,
Jittajjar miegħek f'ġenna ta' dgawdija,
Hekk jien nixtieq, hekk jien irrid inħobbok,
Għażiża omm tiegħi Santa Marija..

John Cremona
16 ta' Lulju, 1995

www.gozocathedral.org.mt

kk int kuntent li llum ibnek jiddependi
innek, meta jikber mhux se jibqa' hekk



u jħejji ruħu biex ikun indipendenti finanzjarjament.
f'ismu Deposit Account mal-Bank of Valletta ... illum stess.

Bank of Valletta
L-Aqwa Bank f'Malta

www.gozocathedral.org.mt


Viva l-Festa Tagħna
...u l-Lager
Tagħna lkoll.
CISK
CISK
CISK
Lager
IL-LAGER TAGĦNA